IR-RABA' KTIEB
TAT-TLIETA U
ERBGĦIN SENA

DIĊEMBRU

1967

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

KULL TLIET XHUR

### KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

L-EDITUR — L-Università fil-Post Ġdid ... ... ... faċċ. 97
BRO. HENRY, F.S.C. — *Ir-Rebbiegħa* ... ... ... ... ,, 98
KAV. ALBERT M. CASSOLA, F.I.L., O.S.J. —
Il-Filosofija fil-Ħanut tal-Kafè ... ... ... ... ,, 99
REV. G. ABELA — *Lil Malta* ... ... ... ... ... ,, 105
PAWLU MIFSUD — Waħda minn Tagħhom ... ... ... ,, 106
REV. G. ABELA — *Nawfraġju* ... ... ... ... ... ,, 110
V.M. PELLEGRINI, LL.D. — *Għadira* ... ... ... ,, 111
*Din Tassew* ... ... ... ... ... ,, 111
*Memento* ... ... ... ... ... ,, 112
JOE MEJLAK — *Nofs in-Nhar* ... ... ... ... ,, 112
ERIN SERRACINO-INGLOTT —
In-Nisel tal-Verb "Qalfat" ... ... ... ... ,, 113
P.P. THEUMA — *Żewġt Erwieħ* ... ... ... ... ,, 115
PROF. Ġ. GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H. —
*Nieqa Mqaddsa* ... ... ... ... ... ,, 116
PAWLU CACHIA — Il-Kelb tas-Sur Manifk ... ... ... ,, 117
ĠUŻE' CARDONA, B.A.(Hons), M.A. —
*Lill-P. Ġużeppi Delia, S.J.* ... ... ... ... ,, 121
Reċensjonijiet ... ... ... ... ... ... ,, 123
Werrej tas-Sena 1967 ... ... ... ... ... ,, 124

**DIRETTUR: Prof. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.,**
**34/14, Triq id-Dejqa, Valletta.**

**ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, Hon. D.Lit.,**
**53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paola.**

**SEGRETARJU ONORARJU: Godfrey Zarb Adami,**
**18, St. Christopher Street — Valletta.**

*Kull korrispondenza għandha tinbagħat lis-Segretarju Onorarju.*

*All communications should be addressed to the Hon. Secretary.*

*Ogni corrispondenza da spedirsi al Segretario Onorario.*

*Toute correspondance doit être envoyée au Secrétaire Honoraire.*

---

*Ħlas ta' IL-MALTI: 4/- fis-sena. Ktieb wieħed: 1/-.*
*Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:*
*Victor Apap, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.*

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ L-AKKADEMJA TAL-MALTI — DIĊEMBRU 1967

# L-UNIVERSITA' FIL-POST ĠDID

*Din is-sena twettqet ġrajja ta' l-aqwa siwi fil-koltura ta' pajjiżna: ir-Reġina inawgurat il-bini l-ġdid tal-Università tagħna fuq il-għolja tal-Qroqq, u hekk intemmu tliet sekoli ta' storja universarja fil-Belt Valletta.*

*Ħafna mill-alunni xjuħ ħassew għafsa ta' qalb meta raw lil Alma Mater tagħhom twarrab mill-post antik tagħha, għax dak il-post ifakkarhom fis-snin ta' faraġ u hena taż-żgħużija, snin ta' ħeġġa, ta' studju u ta' tama, meta l-qalb tixgħel bl-imħabba u l-moħħ ifur bil-ħrara. Imma ż-żmenijiet jinbidlu u l-ħajja tiegħu xejriet ġodda.*

*L-Università tagħna llum ħadet sura ġdida biex timxi u tlaħħaq mal-progress li sar u qiegħed dejjem isir, fl-arti u fix-xjenza. Illum il-ħajja tal-bnedem qiegħda tkun irregolata minn mezzi mqanqlin minn arti jew xjenza u saħansitra l-ħsieb, ix-xogħol u l-imġiba tiegħu huma ispirati minn din ix-xejra ġdida xjentifika jew artistika.*

*Dan l-iskop ta' l-Università tagħna kien limitat għal din il-Gżira, iżda issa twassa' u nfirex biex jilħaq u jħaddan it-tagħlim u l-għerf li joħroġ minn Universitajiet oħra mxerrdin mad-dinja u fl-istess ħin biex ixerred mal-Universitajiet oħra l-ħidma tal-moħħ u tal-ġenju Malti.*

*Il-lum il-ġnus ma għandhomx mifrudin u magħluqin fihom nfushom donnhom mkebbin ġewwa fosdqa, imma huma qegħdin jifhmu li jeħtieġu jagħarfu lil xulxin aktar mill-qrib, jissieħbu, u jgħinu lil xulxin billi jieħdu sehem mill-ġid u l-ġabra ta' kulħadd. Għalhekk l-Universitajiet li jgħallmu liż-żgħażagħ u jhejjuhom biex 'l quddiem ikunu l-mexxejja ta' pajjiżhom, saru aktar universali fit-tagħlim tagħhom u kabbru l-lokal biex ikunu jistgħu jdaħħlu aktar studenti, u mhux biss igħallmuhom il-għerf, imma jdarruhom igħixu flimkien, jistmaw lil xulxin u jħarrġuhom bħala ċittadini tajba, għorrief, beżlin u ħawtiela.*

*Din kienet ir-raġuni li nbniet l-Università l-ġdida barra l-Belt, imma barra din hemm raġuni oħra. Illum Malta hi pajjiż indipendenti u bħala nazzjon li għandu rajh f'idejh, jixraq li juri ruħu li hu 'l quddiem fil-koltura u li hu f'pożizzjoni li jgħallem u jxerred din il-koltura fost popli oħra. Malta qiegħda f'nofs il-Mediterran imdawra b'ħafna nazzjonijiet li jistgħu jinqdew bil-faċilitajiet tagħha biex jagħtu tagħlim għoli u siewi lill-istudenti tagħhom. Dan jista' jsir fil-lokal il-ġdid ta' l-Università fejn hemm bini, dipartimenti, kum-*

*ditajiet u faċilitajiet li jħabbtuħa fil-wisa' ma' dawk ta' Universitajiet ta' barra. Fiha l-istudenti stranjieri jsibu kull mezz mhux biss biex jissaħħu fl-arti u fix-xjenza, imma wkoll biex jidraw igħixu ħajja xierqa, tal-qalbu u hekk mhux biss isiru professjonisti imma galantomi wkoll.*

*Għax bniedem isir kolt u ġentlom mhux biss b'dak li jitgħallem fil-klassijiet imma wkoll b'dak li jara u jisma' u jġarrab fl-Università. Il-lokal nnifsu ta' l-Università jrabbi tradizzjoni li tidħol fil-qalb ta' l-istudenti u jqajjem xejra li bħal fewġa ħelwa u safja tpaxxi l-moħħ tagħhom.*

*Dan kien l-iskop li għalih nbena lokal ġdid għall-Università tagħna. B'daqshekk l-Università ma ntemmetx jew f'lokha daħlet Università ġdida. L-Alma Mater tagħna għandha storja, tradizzjoni u fohrija li jibqgħu jitkattru u jseddqu mal-milja tas-snin u dan il-lokal ġdid iservi biex jagħti xejra ġdida u jħeġġeġ għat-tagħlim u jseddaq bl-irġulija lil għadd kbir taż-żgħażagħ Maltin u stranjieri li jidħlu fih biex jixorbu mill-għajn ta' Minerva ħalli, kull wieħed minnhom,* "b'ismu l-art jimla u jistenna
wara mewtu li tfaħħru kull nies".

(CUSCHIERI — *Il-poeta tal-Madonna*).

---

# IR-REBBIEGĦA

*Ta'* Bro. HENRY F.S.C.

O xi ħlewwa fil-beraħ melliesi,
B'liema seħer jimtela l-ħolqien,
L-isbaħ dija tferraħna, tqawwina,
Ward u ħdura fuq l-għolja, fil-ġnien.

Kollox jerġa' għal ħajja żagħżugħa,
Kollox jidħak f'April mingħajr xkiel,
Il-għasfura trodd l-għanja ta' mħabba,
Il-wied jilbes il-libsa tal-ġmiel.

Fuq il-baħar kaħlani, tinfirex
Żiffa ħelwa bil-fwieħa tal-ward;
Fuq ir-raba' ħadran ix-xemx tiddi,
Liema ħeġġa fis-sema, fuq l-art.

O rebbiegħa għajn safja ta' sliem,
Jien inħobbok b'imħabba bla tmiem.

# IL-FILOSOFIJA FIL-HANUT TAL-KAFE'*

*Essay ta'* ALBERT M. CASSOLA

Mal-mara tiegħi qatt ma ġġelidt minħabba li ddawwart ġol-każini. Il-każini ma jiġbduni xejn. Dik il-ħaġa li tmur ġo dar kbira biex tilgħab il-karti jew iċċekċek il-boċċi fuq mejda twila bil-pannu aħdar ma tgħoddx għalija. Imbagħad il-kamra tal-qari dejjem vojta jew, jekk mimlija, ma tistax taqra fiha bil-kwiet. Il-kamra hekk imsejħa tal-qari, b'xi tabella mal-ħajt bil-kelma "Silenzju", isservi għat-tlablib. Dawk li m'humiex lagħaba taraħom idurulek mal-mejda tonda u jerħulha jdaħħnu u jpaċpċu kemm jifilħu.

It-tpaċpiċ inħobbu, avvolja m'iniex mara. Tagħtinix niekol u ħallini nħoll ilsieni. Iżda biex inpaċpaċ ma nħossx li għandi għalfejn nidħol sieħeb fil-każin. Il-ħanut tal-Kafè, il-bar, jgħodd għaldaqshekk xorta waħda. Miftuħ il-ġurnata kollha, issiblu mill-kafè sal-whisky, mill-kagħak tal-għasel sal-pastizzi, mill-biskuttelli sas-suflejiet. Sigarretti bil-għama.

Imbagħad in-nies ta' ġol-Kafè m'humiex biss dawk l-erba' qtates li l-każin jiklu bil-ħobż. Fil-Kafè ssib, iva, is-solti klijenti bħali, imma ssib ukoll dawk ta' nhar ta' Ħadd biss, dawk ta' filgħodu biss, dawk ta' filgħaxija biss; dawk li jkunu wara l-bieb jistennewh jiftaħ filgħodu kmieni biex jieħdu l-kafè li d-dar m'għandhomx min ilestihulhom, dawk li l-qatra jkunu ħolmu biha ma' tul il-lejl twil. Hemm dawk tat-tard filgħaxija li jitnikkru jlegilgu mqar bil-bieb nofsu magħluq, imlaħalħin u bin-ngħas, bla ma jixtiequ jmorru d-dar fejn jafu li m'għandhom lanqas kelb jistennieħom.

Jien għandi. Għalhekk il-ħin tiegħi l-Kafè huwa bejn is-sitta u t-tmienja ta' filgħaxija, wara li mix-xogħol inkun mort id-dar ninħasel, qabel ma narġa' lura lejn id-dar b'xi borża qassatat tal-piżelli u pastizzi tar-rkotta.

Dak l-aħjar ħin. Il-ħin ta' ħafna nies tax-xogħol li waħedhom jew man-nisa tagħhom imorru jgħaddu ftit taż-żmien ibillu griżmejhom u jqattgħu siegħa, sagħtejn jitkellmu. Il-ħena tiegħi. M'għandix passatempi oħra, jew jekk għandi xi ftit, dawn huma biss affarijiet li jagħtuni l-argument fuq xiex nitħaddet. Għalhekk biss f'xi logħba tajba nhar ta' Sibt jew il-Ħadd immur sa l-istadju; għalhekk il-

---

*Nota:*— Għandna l-pjaċir inġibu dan l-*essay* ta' ALBERT M. CASSOLA li kien rebaħ L-EWWEL PREMJU ta' £20, fost madwar erbgħin konkorrent, fil-Konkors imniedi mill-Gvern ta' Malta.

ġurnali nifliħom kollha; għalhekk infittex fihom l-iktar aħbarijiet sensazzjonali jew il-kitba kontroversjali; għalhekk naf dejjem l-ewwel wieħed min twieled u min miet, min tgħarras u min iżżewweġ; min laħaq xi ħaġa jew rebaħ xi lotterija; għalhekk nitgħallem bl-amment xi ċajta ħelwa. Biex ikolli munizzjon qawwi.

Ħbiebi jafuni tajjeb. Allaħares nittardja jew nonqos. Ikunu jistennewni fuq ix-xwiek. Malli jarawni dieħel, wiċċhom bħal jixgħel. Jafu li lsieni jtaqtaq u jredden. Li l-karti f'idejja. Li ndaħħakhom daħka.

Iżda l-gost tiegħi li npaċpaċ mhux waħdani. Fil-Kafè nieħu gost nosserva l-uċuħ tal-kamrieri, il-mossi tagħhom ħfief qishom tal-qtates, il-memorja li għandhom biex jieħdu l-ordnijiet ta' sitta, tmienja, għaxra min-nies f'daqqa. Nieħu gost naqta' mill-espressjoni ta' wiċċhom dak li għaddew minnu ħbiebi ma' tul il-ġurnata fuq ix-xogħol, fid-dar. Nieħu gost inżebbeġ fuq il-klijenti l-oħra deħlin u ħerġin, min imgħaġġel, min qisu ż-żmien kollu tiegħu, min biex jixtri kaxxa sulfarini, min biex iżarma nofs ħanut; min biex jibla' kafè iswed u jitlaq jiġri għaċ-ċine, min biex jinxteħet fuq siġġu qrib tagħna u jtawwal widnejh ħalli jissamma' x'aħna ngħidu, jitbissem meta aħna nidħku, mejjet biex jaqbad magħna u jidħol fl-argument li nkunu qegħdin niddiskutu.

Għax diskursata ta' sagħtejn, meta taqtgħalha l-ħmerijiet u l-kliem vojt, xi ħaġa tajba fiha tibqgħalha. Jien fil-Kafè ltqajt ma' filosfi li ma jafux huma stess il-għerf li għandhom fihom, iltqajt ma' umoristi li ma jobsrux kemm jistgħu, kieku jridu, itaffu d-dwejjaq ta' min hu żventurat, iltqajt ma' wħud li, kieku kellhom ftit ta' l-ambizzjoni, kienu jkunu jistgħu jitilgħu fil-quċċata tal-ġerarkija tal-pajjiż u jmexxuh tajeb daqs kulħadd jew aħjar. It-talent li ltqajt miegħu fil-Kafejiet jista' joħroġ minnu element mill-aħjar f'kull qasam tal-ħajja. Ma jonqsux lanqas il-prużuntużi, il-kesħin, il-boloh, l-injoranti. Imma l-Kafè qisu l-klinika tat-tabib. Għal min għandu ftit sens ta' psikoloġija l-Kafè huwa l-post fejn issib li trid, u mhux qiegħed ingħid għall-pasti u x-xorb, iżda għall-ispeċi differenti ta' l-umanità. Il-Kafè huwa skola ta' esperjenza, università tal-ħajja.

Umanità. Il-bniedem huwa essri li jinbidel il-ħin kollu fl-istatura tiegħu fiżka kif ukoll psikika, morali, soċjali, storika u umana, fisser wieħed surmast fi skola għolja bi tweġiba għal xi rimarka tiegħi, darba fost l-oħrajn, bejn belgħa u oħra tal-kafè biċ-ċikwejra. Mhux kulħadd fehmu mill-ewwel.

Naf li jiena qbiżt u fissirt li għalija l-bniedem, minkejja r-rebħiet ta' l-ispazju u progress kbir ieħor tax-xjenza, baqa' l-ikbar misteru tal-ħajja. Nieħdu ċ-ċittadin, jew il-bniedem ta' l-Ewropa ta' żmienna. L-istorja tiegħu għadha sejra, il-progress għadu ma waqafx. Kollox

għadu jsir bħal qabel. L-imgħoddi xi drabi narawh fil-bogħod, xi drabi fil-qrib. Xi drabi mill-isbaħ, xi drabi mill-ikraħ. Nitħaddtu f'isem il-mejtin, u bħallikieku xejn ninsew il-ġid li għamlulna. Fl-imqades nitolbu għar-ruħ ta' min ilu mejjet, u fl-istess waqt nużaw il-makni taċ-ċiviltà ta' żmienna.

Min ma samax bil-liġi tal-kuntrasti ma jafx l-istorja tal-bniedem ta' l-Ewropa. Ma jistax jifhem ir-raġuni tal-ħajja u lanqas ma jista' jobsor il-futur. Irrid infisser li l-bniedem fl-Ewropa huwa dak li hu: bniedem ċivilment matur, 'il quddiem fil-kultura. U dana sewwa sew għax huwa fehem għalkollox din il-liġi wtieqa tal-kuntrasti. Għax il-kuntrast huwa fidi, bħalma l-fidi hija l-glieda biex nirbħu lilna nfusna u l-iżbalji tagħna. M'hemm ħadd li ma jaqbilx li l-bidu ta' kull ħolqien ma jinsabx f'din il-liġi, kontradittorja biss fil-wiċċ, f'din il-liġi li tiftaħ l-intelliġenza tal-bniedem għall-konoxxenza tad-dinja u kulma jinsab fiha.

Fiż-żminijiet tallum ħafna jitkellmu dwar id-dekadenza bla ma jafu sewwa xi tfisser din il-kelma. Għaliex x'inhi wara kollox id-dekadenza? Dekadenti (jien ma nużax is-Safi għal xejn b'xejn) huwa dak il-bniedem li ma jfittixx li jġedded ruħu, li joqgħod bħallikieku xejn għal kulma jiġri, li jgħix mingħajr għana morali, bla ma jagħti xejn minn tiegħu għall-proċess ta' l-istorja u taċ-ċiviltà.

L-oppost tad-dekadenti, jiġifieri min hu progressiv, dinamiku, dak li jlaqqa' l-ħsieb mal-ħidma, l-oppost tad-dekadenti, insomma, ma kienx ikun xi ħaġa kbira kieku ma kienx jitlaqqa' ma' l-istess dekadenza.

Filosfu Ġermaniż ta' l-istorja, Oswadl Spengler, sostna li hawn ħafna ċiviltajiet jew kulturi differenti minn xulxin u kull waħda minnhom titwieled, tikber u tmut bħalma jiġrilhom l-istaġuni tas-sena. Minn hawn il-konċezzjoni fatalistika ta' l-istorja li ħtija tagħha Spengler bassar l-irvina taċ-ċiviltà oċċidentali. Minħabba f'dik t-tbassira pessimistika, il-filosfu Tedesk m'għarafx joħloq liġijiet wisq verusimli dwar il-ġejjieni ta' l-Ewropa minħabba li ma weriex ħila biex jiġġudika tajjeb il-prinċipju primittiv li jifforma s-sisien tal-bniedem Ewropew. Liema Ewropew, jekk minn banda juri tabilħaqq waqtiet ta' dekadenza, mill-oħra juri mumenti u sitwazzjonijiet ta' progress kontinwu.

Tedesk ieħor magħruf, Thomas Mann, wera huwa wkoll, bi stil perfett u b'penetrazzjoni psikoloġika kbira, id-dekadenza tal-valuri spiritwali fid-dinja tallum. Fir-rumanz tiegħu "Buddenbroock" huwa jittratta d-dekadenza u l-progress kif jifhmuh ukoll uħud mill-eżiż-tenzjalisti Franċiżi ta' żminijietna, bħal Merlon u Ponty. Żminijiet, mela, dawn tagħna, ta' kontradizzjonijiet u fl-istess ħin ta' progress u kreazzjoni.

Iż-żokk antik (iżda qatt qadim) ta' l-Ewropa ċivilizzata mill-Kristjaneżmu tlaqqam bis-soċjaliżmu ateistku ta' Karl Marx u bl-eżiżtenzjaliżmu Kirkegardjan, kif ukoll bit-teoriji tas-Superman, ta' Nietzsche.

Allura fl-Ewropa għandna kriżi kerha?

Ċerta letteratura tagħtina x'naħsbu dan. Iżda allaħares kellna noqogħdu biss fuq din ix-xorta ta' letteratura.

L-Ewropew ta' żmienna, ħafna drabi, jista' jidher għajijen, bla ħajja, bogħod minn kull morali; iżda dana jkun biss għal waqt wieħed, għal perijodu jew għal sitwazzjoni partikolari. Wara ftit jarġa' jaqbad mal-biċċa l-oħra tal-personalità tiegħu, il-parti aħjar ta' ħajtu u ta' l-istorja. F'qalbu, l-Ewropew għandu midfuna iżjed minn ċiviltà waħda, iktar minn vokazzjoni waħda. Għalhekk il-kriżi hija għaliħ relativa. Għaliħ hija l-qies ta' żmienna u mhux tad-destin tiegħu. Lill-Ewropew dik il-kriżi turih fejn waslet il-għeja tiegħu quddiem il-possibbiltajiet li tgħallimna l-istorja u li l-ħajja tagħtina.

Madankollu mhux dejjem hekk. Ħafna drabi l-pessimiżmu jinbidel f'ottimiżmu, il-biża' f'tama. It-traġedja tal-ħajja tarġa' tibda tara d-dawl tal-ħidma u tax-xogħol tagħna, ħidma u xogħol tad-dmirijiet ta' kuljum.

Il-pessimisti m'humiex kollha xorta waħda: hemm il-pessimista minn qaddisu, dak li hu hekk f'ċerti sitwazzjonijiet, dak li hu hekk ħtija ta' l-injoranza tiegħu, u dak li hu pessimista moralista. Dan ta' l-aħħar huwa għalkollox differenti mill-oħrajn, għax f'dan insibu l-konfront bejn l-intelliġenza tal-bniedem, li llum il-ġurnata kibret u għadha tikber, u t-traġiċità tad-destin tal-bniedem: il-Mewt.

Iżda fuq kollox, insibu tifsira kbira fil-fatt li tista' tgħid ma' l-Ewropa kollha għadna nsibu l-Vanġelu moqri u mfisser u l-eżempju ta' Kristu imitat u kontemplat. L-umiltà li biha fl-Ewropa naċċettaw il-Messaġġ divin iqawwilna l-karattru u jsaħħaħna fil-virtù. Ewropa li fl-aqwa tas-seklu għoxrin taf tagħtina Papa bħal Ġwanni XXIII hija dejjem Ewropa mibnija fuq sisien Insara.

Illum il-ġurnata l-bniedem iżjed ma jmur qiegħed jinqata' minn dak kollu li dari kien jorbtu ma' l-imgħoddi, mal-ħrejjef, mal-leġġendi, mal-mitoloġija, mal-preġudizzji, mal-misteri naturali. Il-bniedem qiegħed jimxi llum fit-triq tal-maturità b'ħeffa liema bħalha. Qiegħed juża iżjed ma jmur l-intelliġenza tiegħu u r-rieda tiegħu, qiegħed jagħraf jagħżel aħjar bejn il-liġi u l-istint, bejn ir-raġuni u s-sentiment. Iżda din id-distinzjoni ma tfissirx li l-ħaġa qiegħda toqtol lill-oħra jew tbarriha għal kollox; dana jfisser, bil-maqlub, li l-bniedem qiegħed jagħraf aħjar x'tiswa l-ħajja tagħna u għalhekk jagħraf igħixha skond ma jkun meħtieġ.

Issa nistaqsu: x'sens għandha fiha nnifisha l-istorja? Għal min dejjem qies l-istorja bħala d-dawl li jurina l-ħajja, bħala dik li tgħallimna l-ħajja x'inhi, it-tweġiba hija ċara. Iżda aħna ma naqblux miegħu b'għajnejn magħluqa. Aħna nibżgħu li l-istorja m'għandhiex tagħlim partikolari x'tagħtina, għax fiha ma nsibux sens loġku li jmexxi dejjem xorta waħda l-ġrajjiet tal-ħajja. Għalina l-istorja ma għandhiex liġijiet għaliex il-għeruq ta' l-istorja jiddependu mix-xorti. Dana ngħiduh biex nuru, kif nittamaw, li l-ħsieb, anzi l-konċett klassiku ta' l-istorja u ta' kif il-bniedem imissu jħares lejha, qiegħed jinbidel. Ir-realtà tal-ħajja tallum turina li l-bniedem sar iktar moħħu lejn ir-rapporti li jgħaddu bejn il-kapital u x-xogħol milli lejn l-istorja. Ma rridux infissru b'daqshekk li l-interess fl-istituzzjonijiet, fid-dinastiji, fil-għamliet diversi tal-gvernijiet ta' l-imgħoddi spiċċa, iżda biss li l-bniedem illum sab ruħu wisq marbut bir-rapporti tal-kapital u tax-xogħol u għalhekk ma jistax ma jfittixx li jaħseb qabelxejn biex itejjeb il-kondizzjonijiet tiegħu bħala bniedem f's soċjetà u f'dinja moderni. Qiegħed, fi kliem ieħor, jitbiegħed xi ftit mill-ħakma tal-kapital li kien iżommu rsir, biex jersaq dejjem iktar lejn il-ħakma l-oħra tax-xogħol li min-naħa tiegħu, huwa wkoll kulma jmur, qiegħed jagħmlu rsir xorta waħda. Fl-Ewropa llum (forsi fid-dinja kollha), il-bniedem intilef wara s-soċjoloġija, iżda ma jistax jagħmel mod ieħor ħlief li fix-xogħol u barra mix-xogħol jitħasseb dwar il-bnedmin sħabu u r-rabtiet li hu għandu magħhom. B'hekk, madankollu, il-bniedem qiegħed jimxi 'l quddiem lejn is-soluzzjoni tal-problemi ġodda li qajmet iċ-ċiviltà.

Wara tant gwerer, tant rivoluzzjonijiet, tant rewwixti, tant invenzjonijiet li saru ma' tul l-aħħar sekli, il-bniedem fl-Ewropa ma satax żgur jibqa' indifferenti dwar id-destin tiegħu. L-istorja tiegħu baqgħet tikber dejjem kif baqgħet tikber l-esperjenza. Il-ħajja, ta' spiss iebsa u tqila, ħafna drabi mwiegħra, kultant dehret ukoll sabiħa, ta' min igħixha iżjed minn dejjem. Iż-żmien, għaddej bla ma ħadd jista' jwaqqfu, daqqa jdawwal, daqqa jdallam il-ħajja bħalma l-jum u l-lejl lill-ġurnata, iżda qatt ma jikxef il-misteru kbir tal-bniedem fl-istorja, fix-xjenza, fir-rapporti tiegħu m'Alla l-Imbierek u ma' l-istess umanità.

Misteru t-twelid tal-bniedem, il-ħajja tiegħu, il-mewt. F'dawn il-misteri biss, wara kollox, insibu l-verità tad-destin tagħna: l-eternità.

Tajjeb li wieħed iħoss fl-Ewropa tallum dan is-sentiment tal-misteru tal-bniedem, li jħoss li l-bniedem ma jiġix f'din id-dinja b'qalbu maqtugħa iżda bit-tama li jibqa' għaddej 'il quddiem fil-progress li, imsejjes fuq il-misteru, juri x'jiswa l-istess bniedem, juri

kemm bla tarf ta' xejn hija l-ħila tiegħu, meta fuqu u fuq l-univers hemm l-Id t'Alla li taħseb għal kollox.

Ħsibijiet għolja? Qatt ma jispiċċaw argumenti bħal dawn fil-Kafè fejn niltaqa' jiena ma' ħbiebi. Iżda drabijiet oħrajn il-kwistjonijiet ikunu wisq iżjed ħfief, kultant banali. X'joħroġ minnhom? Xejn. Sempliċi sfog tal-ħsieb u tal-qalb. Għax ħadd qabli ma naf li tħajjar iniżżel bil-kitba wieħed mill-argumenti kollha. Kulma ġara dak in-nhar ta' dan l-argument kien biss li l-kafè tiegħi kesaħli għal kollox, wieħed minn ħbiebi li tbaqbaq imerini ta' spiss waqgħetlu dubbiena fih u kellu jwarrbu, ieħor spiċċa biex fis-saħna qalbu fuqu. Kien hawn li l-argument inqata' ħesrem, aktarx bla konklużjoni soda. Iżda sa fejn laħqet waslet id-diskursata, bid-difetti kollha tagħha, forsi kienet denja ta' akkademja, ta' parlament, ta' kongress. Kif tkun ħafna drabi f'dak il-ħanut tal-Kafè, f'ħafna ħwienet oħrajn bħal dak. Għax il-Kafè f'Malta huwa l-forum tar-Rumani, il-lok fejn wieħed jiltaqa' u jesprimi ruħu bil-libertà kollha fuq kull suġġett li jrid. Il-Kafè f'Malta huwa istituzzjoni, ħaġa li mingħajrha l-Maltin ma jistgħux igħaddu. Għandkom mnejn tgħiduli li dan jafu kulħadd. Jista' jkun ukoll. Ċert hu li l-proprjetarju tal-Kafè fejn soltu mmur jien mhux biss li jafu dan, iżda wkoll japprezzah. Tant li, ara l-affarijiet kif jiġu, meta dan il-Kafè għalaq mitt sena mindu fetaħ l-ewwel darba, dak il-proprjetarju talabni nagħmillu ftit versi fuq iċ-ċentinarju tal-Kafè biex, imnaqqxin fuq irħama, iwaħħalhom fis-sala tal-Kafè bħala tifkira tar-rikorrenza eċċezzjonali.

Sħabi tal-Kafè, dak li waqgħetlu d-dubbiena, dak li qaleb il-kikkra, kollha kemm huma, ma ħallewnix nirrofta f'isem il-modestja.

Kelli nħarbex xi ħaġa bilfors, u ħriġt b'dawn l-erba' kwartini:

Ġo dal-ħanut, ilu diġà mitt sena,
L-ewwel klijent ġie jieħu kikkra te:
Din tant għoġbitu li lil sħabu kollha
Offra; dawn tħajru u ħadd ma qallu le.

Illum dal-bar antik, ġenwin bħal dari,
Għandu klijenti minn kull razza u ġens:
Hawn hija l-bejta fejn ħaddiema, artisti,
Kittieba u sportsmen dejjem sabu l-wens.

Sa seklu ieħor nittamaw li jibqa'
Jaqdi 'l ta' wrajna dan il-ħlejju bar!
Jibqa' l-ħanut li kull min fih jinġabar
Iħossu tajjeb bħalma jkun fid-dar!

F'daċ-ċentinarju, bix-xampanja tfawwar,
U bħala awgurju ta' xewqat sbieħ wisq,
Xejn ma baqgħalna ħlief li ngħollu t-tazzi
Tal-*Kafè Kbir* bis-Saħħa u bl-isbaħ Riżq!

Insa ċ-ċentinarju, neħħi l-isem, mistħajjel, tal-Kafè, u għandek mnejn issib li dawn il-versi joqogħdu għall-Kafejiet kollha.

---

# LIL MALTA

*Ta'* REV. ĠUŻEPP ABELA

L-aħħar għajta.

Ħabbejtek, Malta, fl-innoċenza tiegħi,
imma ħabbejtek aktar, Malta sbejħa,
fil-ġenn u l-ħerqa ta' żgħożija tbaqbaq.
U ħlomt ħolm ħelu xħin ħaddantek miegħi.
U mbagħad, fi skiet il-lejl, ħallejtek, waħdek,
rieqda, sabiħa, u jiena ħriġt 'il barra,
bla ħoss, u qbadt it-triq twila tal-baħar . . .

U issa, meta xbajt niġġerra u nibdlek,
u meta l-aktar għandi bżonn imħabbtek,
hawn, f'nofs il-mixja ta' żgħożiti mxejħa,
sejjaħtlek, Malta . . . Imm'għalxejn sejjaħtlek,
u leħni ntilef fuq il-mewġ belħani.

W hekk għaddejt ħajti naħli l-ġid li tajtni
ma' min jafx igħożż, u s-snin għaddejja
ġmielhom bil-ħeffa, sakemm jieqfu ħesrem,
u jiena mmut 'il bogħod u mingħajr nisel,
bla ma jitqaddes fdali f'dak it-trab imbierek,
anzi f'xi ħofra kollha tajn u ċfales
jixħitni sieħbi li ma jafx il-benna
ta' bewset fommok. Ħaqqni sentenza eħrex
talli ħabbejtek u m'għaraftx niżżewġek.

*Melbourne* 18.6.66.

---

*Nota:* Ktibthom dal-versi f'siegħa ta' dwejjaq meta rajtni hekk eżiljat permezz ta' l-inkardinazzjoni tiegħi ma' din id-djoċesi, bla ma nista' nieħu sehem fil-qawmien ġdid patrijottiku, politiku u reliġjuż ta' dik l-art ħelwa.

# WAHDA MINN TAGHHOM

Ta' PAWLU MIFSUD

Dawn Ġużepp u Pinu ta' l-istorja tagħna kienu l-ikbar żewġt iħbieb li qatt għexu fir-raħal tagħhom. U fir-raħal tiegħi wkoll. Għax għalkemm ftit li xejn għandi ħjiel tagħhom, mhix ħaġa kbira li ssib xi nofs tużżana ħajjin li għadhom jiftakruhom tajjeb.

M'ilhomx mejtin, jiġifieri, is-snin il-kbar u l-praspar tad-daħk li nisġu flimkien f'ħajjithom għadhom jissemmew fil-familji fejn il-missier jirrakkuntahom lil uliedu meta dan ikun jixtieq ifissrilhom kif iż-żgħażagħ ta' dari kienu jqattgħu ħinhom. Jew inkella f'xi ħanut ta' l-inbid fil-misraħ fejn il-ħbieb jedhew iqaxxru l-karawett u jixorbu xi pinta sewda fil-ħin li jaraw kif iferrħu qalb xulxin b'xi ġrajja tad-daħk li jkunu raw jew semgħu xi darba jew oħra.

Il-praspura li se nirrakkontalkom kont smajtha darba minn għand in-Nannu Wiġ, Alla jaħfirlu, li ma kenitx weħidha tafux. Għax kif naħseb jafu ħafna, dawn Ġużepp u Pinu ma kienx qisu jkollhom x'jagħmlu għajr jindiehsu ras ma' ras u jiftiehmu bejniethom kif ipaspru xi biċċa xogħol li minnha setgħu jdabbru xi ħaġa b'xejn. U, ma ngħidu xejn, li tkun tad-daħk kemm jista' jkun. Miskin hu min kien jinzerta ma jkunx jafhom għax jaqa' fin-nasba tagħhom mingħajr biss jintebah.

Isemmu fost kollox il-ħlieqa ta' meta libsu pulit mill-aktar, telqulha lejn raħal qrib tagħhom u għamluha ta' perit u skrivan tal-prima. Bdew jidħlu għand in-nies, ikejlu minn ħajt għal ħajt, sakemm fl-aħħar Ġużepp, it-tapars perit, kien jerħilha jitkellem salt diskors, minn għala n-nies, bl-Ingliż, biex Pinu, l-iskrivan tiegħu, kien bis-sabar kollu joqgħod ifissrilhom bil-Malti. U dik jew dak l-imsejken erħilhom jibqgħu ħalqhom miftuħ u mifxulin, u jemmnu, jaħasra, li dawk kienu xi żewġ uffiċjali mibgħutin mill-Gvern. U x'kienu jpaspruhom Ġużepp u Pinu? Jew li kellhom xi ħajt tal-bitħa maħsus u ried, għalhekk, jinbidel; jew li kienu jridu jgħollu filata oħra maċ-ċint tal-bejt u xi ħmerijiet oħra bħal dawn. Iżda dawn l-affarijiet kienu jitolbu spejjeż mhux ħażin li qajla setgħu jindaħlu għalihom. X'jaqbad jagħmel dak li jkun? Min jaf kieku l-perit jaċċettax baxx baxx xi ħaġa tal-flus f'idejh jew xi fenek ġo xkora u hekk iħalli kollox għaddej mar-riħ! Hekk kienu jkunu jistennew Ġużepp u Pinu, u wara ħafna tlaqliq u zekzik, fl-aħħar kienu jispiċċaw biex jiftiehmu, jilqgħu l-għotja li jnewlulhom u jbewġu 'l barra muti muti. U ma ngħidu xejn, malli jirfsu fit-triq erħilhom jogħorku idejhom u jegħemżu 'l xulxin bid-daħk. Kienu laħqu dabbru biċċtejn mhux ħażin, imma x-xitan ma ħamilx.

Inzertaw daħlu f'dar fejn kien hemm wieħed jafhom u għarafhom ċomb. Intebaħ dlonk bil-qerq tagħhom u kixifhom dak il-ħin stess. Sar għajat u ġiġġifogu sħiħ u sa ndaħlu l-pulizija. Imma, mbagħad, kulħadd ħafrilhom ladarba reġgħu lura dak li kienu dabbru u hekk ħelsu minn xi xahar ħabs.

Tissemma sikwit ukoll il-farsa l-oħra li ħadmu flimkien darba waħda l-Ħadd fil-għodu fuq iz-zuntier tal-Knisja. Kien sebaħ jum kiesaħ dak in-nhar u Ġużepp ħassu jirżaħ u ried kieku jisħon ftit. X'hemm aħjar minn naqra rum biex tqanqallek id-demm fil-vini ta' ġismek? Imma flus biex jixtri ponċ ma kellux, ukoll jekk dan ma kienx jiswa flus wisq. Kif jagħmel biex idabbar wieħed b'xejn? Kien Pinu li qallu x'għandu jagħmel għax hu l-iktar li kien jaħsibhom malajr. Malli tispiċċa l-Quddiesa tal-Ħdax u n-nies jibdew ħerġin mill-Knisja, Ġużepp kellu jinxteħet fl-art għat-taparsi tah ħass ħażin bl-ikraħ, u Pinu kellu jibda jgħajjat l-ajjut sakemm xi ħadd ta' qalb tajba kien, forsi, jitqanqal u jnewwel naqra taħraq lil Ġużepp. U hekk għamlu balleċ! Malli dan, Ġużepp intelaq għall-mejjet fl-art u Pinu niżel kokka jżommlu rasu u jgħajjat b'leħen imbikki: "Għinuni naqra l-aħwa għax ħassu ħażin. Xi ħadd iġiblu ponċ rum forsi jistejqer, miskin." Inġabru nies tgħidx kemm u ċertu benestant, is-Sur Pawl, li kultant kien jiġi jara 'l ħutu r-raħal, ma setax jibqa' b'idejh fil-but meta jara quddiemu bniedem mitluq f'dik is-sura. Kien pront daħal f'ħanut tal-kafè qrib u ordna grokk doppju. Imma x'ħin resaq bih fuq iz-zuntier sab li dawk it-tnejn kienu għosfru. X'ġara? Inzerta kien għaddej dak il-waqt is-surġent Karlu li meta ra n-nies qaqoċċa resaq jara x'inqala'. U meta sama' x'kienet il-biċċa kollha, tbissem kemmxejn u, "Iva jaħasra," qalilhom, "ħa nara ftit xi ġralu jien." Ċekċek tnejn iċ-ċinturin u sabbat koċċ iż-żarbun u dak kien biżżejjed biex iwerwer lil Ġużepp u lil Pinu. Qamu t-tnejn mill-art qishom żewġ għefiered, ħaffew jaqsmu l-kotra u rħewlha jlebbtu 'l isfel qishom kienu raw ix-xitan. Kulħadd baqa' jħares lejn xulxin imgħoxxi bid-daħk. Is-sur Pawl biss kien li ma daħakx imma ma setax igħid li ma kenitx maħsuba tajjeb.

Praspar oħra tad-daħk ta' dawn it-tnejn kien hemm iktar minn hekk imma llum irrid biss nirrakkuntalkom waħda oħra li għalija nqisha bħala l-ikbar waħda ta' ħajjithom. Nifhem ngħid dik il-praspura ta' meta Ġużepp u Pinu marru jgħumu Għar Lapsi darba waħda fis-sajf il-Ħadd wara nofs in-nhar. Isimgħuha.

Mela għandkom tkunu tafu li ħafna snin ilu kienet id-drawwa fost in-nies tar-raħal li kull nhar ta' Ħadd wara nofs in-nhar, fix-xhur ta' Lulju u Awissu, kulħadd, tista' tgħid, kien jerħilha għall-baħar. Tgħiduli, mhux hekk għadhom jagħmlu llum ukoll? Kollu

minnu. Imma li xtaqt infisser jien hu li f'dak iż-żmien ma kienx għad hawn karozzi, u dawk li kienu jinżlu sa Għar Lapsi jew kienu jeħduha bil-mixi jew inkella kienu jarmaw il-bhima fil-karettun tal-molol u suq ħa nfittxu naslu u nilħqu post għad-dell.

Ma ngħidu xejn, Ġużepp u Pinu ma kenux se jibqgħu lura u, arahom kull nhar ta' Ħadd, wara li jkunu kielu xiħaġa sħuna f'nofs in-nhar, jiltaqgħu ħdejn is-salib tal-misraħ u jitilqulha ċeklem ċeklem biex ikunu huma l-ewwel fil-baħar, jekk jista' jkun qabel kulħadd. Kellhom nitfa ta' rota qadima li kienet taqdihom aħjar mill-aqwa żiemel tat-tiġrija. Daqqa jsuq Ġużepp u Pinu rikeb fuq il-maqgħad ta' wara u daqqa jaqdef Pinu ħalli hekk Ġużepp jilħaq jistrieħ. Ir-rota kienu jkomplu jżejnuha b'xi żewġ wardiet tal-karti mlewna u xi bandiera jew tnejn. U fit-triq, sakemm jaslu, kulħadd isaffrilhom u huma jkomplu jiżżuffjettaw ma' dak li jkun, imqar kienu tfal.

Mela ġara li darba minnhom ix-xorti ħaqrithom: f'nofs ta' triq, ftit lil hinn mis-Siġġiewi, ir-rota ta' wara ċediet. It-tubu tal-lastku sab xi musmar, ittaqqab u beda jagħmel in-nifs. Il-piż tagħhom it-tnejn ma kienx jippermettilhom li jissuktaw sejrin rekbin, ukoll jekk issa kienu qorbu sew għan-niżla.

"X'nagħmlu, Pin?" staqsa Ġużepp, ftit u xejn imħasseb, għax moħħu kien irid qisu siegħa biex iħoll xi biċċa saram.

"Ara l-ieħor ukoll! Xi trid tagħmel? Noqogħdu rraqqgħuh bil-qalb it-tajba, ħabibi Ġużè. Intafa' taħt dak il-ħajt u newwel l-għodda mill-basket," wieġeb Pinu f'nifs wieħed.

Hekk għamlu. Qalbu r-rota wiċċha 'l isfel, trekknu f'ġenb it-triq u meddew għonqhom għal din il-biċċa xogħol ta' bla ħsieb. Imma l-aqwa li kellhom l-armar: biċċa roqgħa tal-lastku, stoċċ li jerħi l-gomma, koċċ trab abjad biex issodd fuq kollox u minfaħ biex tippompja l-arja mill-ġdid fit-tubu tar-rota. F'nofs siegħa kellhom ikunu lesti.

Imma saddattant bdew resqin 'l hemm il-bhejjem bil-karettuni fi triqthom għall-baħar. U billi ħadd ma kien jistenna li se jitmiegħku hemm fit-trab f'nofs ta' triq, il-biċċa dehret iktar gustuża. In-nies imbagħad, l-iktar iż-żgħażagħ, qisu ma kellhomx ħajta fi lsienhom u kollha riedu qisu jikkummentaw xi ħaġa. Kien hemm saħansitra minn ittanta jniggiżhom bi kliemu u beda jitfa' botta war'oħra.

"Hawn x'ġara, ħbieb? Għajjejna llum? Mela qed nixjieħu?"

Xi ħadd ieħor malizzjuż ried qisu jitfa' dell ikraħ fuqhom u nibixhom: "Oj, hemm x'aħna nagħmlu taħt il-ħajt? Se tidħlu għall-sieħbu Pinu. Waħda minn tagħhom!

U Ġużepp u Pinu jisimgħu u ma jitkellmu xejn. Ħallihom ħa jgħidu n-nies b'daqshekk xejn mhu qed jonqsilhom mill-but!

F'hin minnhom għaddiet ġgajta ġuvintur moħħ ir-riħ, rekbin fuq naqra ta' poni l-ġmiel tiegħu, u malli raw lil dawk it-tnejn għarqanin xraba jitħabtu mar-rota, ħallew ilsienhom, Alla jbierek trid tgħid, u ma nafx x'ma qalulhomx:

"Ġużè! Pinu! Illum se ngħaddukom! Qabilkom se ngħumu did-darba, l-aħwa! Illum tixxemmxu fuq il-blat se tibqgħu, ah lilkom! Sistu għax dalwaqt jidlam..."

Ġużepp ħassu jindanna u ried igħid xiħaġa kieku imma Pinu ma ħalliehx.

"Ħallihom u tagħtix kashom, Ġuż, għax iktar agħar. Ħsiebek hemm ħa nfittxu neħilsu u nitilqu minn din il-longa tax-xemx."

It-tiswija fl-aħħar tlestiet. Refgħu kollox f'postu u telqulha 'l isfel lejn Għar Lapsi mill-ġdid. Din id-darba saq Pinu u Ġużepp intafa' riekeb wara b'dawk saqajh twal miftuħin qishom ġwienaħ ta' farfett. Qabdu t-triq għal isfel, u billi kif igħid il-Malti 'Għan-niżla kull qaddis igħin', f'kemm ili ngħidlek sabu ruħhom fil-medda art li hemm qabel iż-żurżieqa li twasslek sa ħdejn xifer il-baħar u ċ-ċagħak li hemm mifrux quddiem l-għerien kbar t'Għar Lapsi.

Is-soltu, Ġużepp u Pinu kienu jinżlu mir-rota meta jaslu fuq u dik il-biċa żurżieqa mwiegħra kienu jinżluha qajla qajla ikarkru r-rota warajhom. Din id-darba le. Issa kien se jkun xorta oħra. Hekk kif ħares 'l isfel lejn xatt il-baħar, Pinu lemaħ lil dik iċ-ċorma zgħażagħ ta' lsienhom ħażin u li sa ftit qabel ma hdewx jinkuhom u għoddhom inħanqu jinbxuhom. Hemm kienu lkoll lebsin il-malji ta' l-għawm għalkemm jaqbżu jitlaħalħu fl-ilma baħar. Qabilhom kienu se jgħumu tassew illum, hux hekk kienu qalu! Imma Pinu kien jaħsibha xort'oħra. Issa huwa l-waqt li jurihom min hu l-iktar raġel fosthom, min kien se jieħu l-ewwel għawma bħalma dejjem kien, min kien se jidħak l-aħħar.

"Żomm tajjeb, Ġuż," qallu Pinu, "ħa naraw min sa jgħum l-ewwel".

U f'kemm trodd salib ir-rota bdiet nieżla ż-żurżieqa għal isfel qisha kienet xi barri nkurlat, taqbeż u toqmos, u dejjem iżżid fil-ġiri, sa ma qabdet dik il-medda ċagħak. Hawn ħabtet tixxengel xi tnejn u kienet qisu se tinqaleb u l-aħħar imma għamel mod irnexxielha tilħaq sa xifer il-baħar u minn hemm tinxteħet fl-ilma b'Ġużepp u Pinu mqabbdin tajjeb magħha qishom żewġ granċi. Mal-waqgħa l-ilma ntrefa' b'saħħa 'l fuq u l-qtar tiegħu xarrab lil dawk kollha li ħaslu kienu qrib. Ħadd ma kien għadu jaf x'ġara sewwa, sakemm ftit hin wara, dehru l-irjus ta' Ġużepp u Pinu jobżqu l-ilma mielaħ tal-baħar u jgħumu lejn il-blat bil-ħwejjeġ b'kollox.

"Rajtu, ħbieb," qalilhom maħnuq Pinu, "kif aħna għomna l-ewwel illum!" U għadda jħokk ma' dawk il-qatta żgħażagħ imqarba li baqgħu iħarsu lejh u lejn Ġużepp miblugħa fihom infushom.

U meta n-nies li kien hemm fehmu sewwa x'kien ġara, Għar Lapsi kollu nstema' jidwi u jdamdam bid-daħk u t-twerżiq u t-tisfir li sar. Kien hemm għors sħiħ u fejn wieħed jixxala tabilħaqq. Kien hemm min qal ukoll. "Bċejjeċ ta' l-imġienen dawn!"

Imma dik kienet waħda mill-praspar ħelwin ta' Ġużepp u ta' sieħbu Pinu. Waħda minn tagħhom!

---

# NAWFRAĠJU

*Ta'* Rev. ĠUŻEPP ABELA

Anġlu Kustodju, ħaffef,
Farfar ġwinħajk u ejja.
L-injam ta' taħti nieżel
U l-mewġ qed joqrob lejja.
Anġlu Kustodju, ejja.

Ara dit-tavla nfaqgħet.
U isma' daż-żaqżiq.
Dat-tmun . . issa . . issa nkiser.
Mel'issa tlift it-triq.
Anġlu Kustodju, ejja.

Nieżel ġol-baħar . . . Anġlu . . .
Bla saħħa, idejja għajjiena.
Ser negħreq, ma nafx ngħum.
Newwel idejk tal-ħniena.
Anġlu Kustodju, ejja.

* * *

Iktar ma niftakarx. Biss, xħin għajnejja
Tbexxqu mill-ġdid fuq dina l-art ħanina,
Sibtni nistrieħ fuq sodda ratba u bajda.
Ġo sala twila u tleqq, rasi nfaxxata . .
Din-naħa kurċifiss fuq komodina,
u n-naħa l-oħra, tidħak, tfajla rżina.

(Melbourne).

---

N.B. Din il-poeżija konna ġibnieha f'*Il-Malti* ta' Diċembru 1964, iżda billi bi żball konna ħallejna barra l-aħħar strofa, qegħdin nistampawha mill-ġdid f'dan il-għadd.

# GĦADIRA

*Ta'* V.M. PELLEGRINI

Rajt lili nnifsi f'għajnejk,
u l-ħsieb tiegħi
tar dlonk fuq ruħek.

Oleandru abjad.

Rajt lili nnifsi f'għajnejk
u l-ħsieb tiegħi
fuq xoftejk issammar.

Oleandru aħmar.

Rajt lili nnifsi f'għajnejk,
iżda int fi ħdan il-mewt
kont rieqda għal dejjem!

Oleandru iswed.

# DIN TASSEW

*Ta'* V.M. PELLEGRINI

Ah xi tbatija jiswili
li nħobbok kif jien inħobbok!
għal din imħabbti għalik
sa n-nifs jifgani
u tuġagħni qalbi
u jweġġagħni l-kappell.

Min irid jixtri minn għandi
daċ-ċinturin li bih nitħażżem,
jew dad-dwejjaq ta' ħajt abjad
tajjeb biex tħejt imkatar?
Ah! xi tbatija jiswili
li nħobbok kif jien tassew inħobbok!

---

*Nota:* Tliet poeżiji maqlubin għall-Malti minn l-Ispanjol ta' Federico Garcia Lorca.

# MEMENTO

*Ta'* V.M. PELLEGRINI

Meta nintemm għal dejjem
idfnuni mal-kitarra tiegħi
taħt ir-ramel.

Meta nintemm għal kollox,
taħt is-siġar tal-larinġ
jew qalb in-nagħniegħ idfnuni.

Meta nintemm għal dejjem,
jekk tridu, idfnuni
taħt xi salib ta' mitħna.

Meta nintemm għal kollox!

# NOFS IN-NHAR

*Ta'* JOE MEJLAK

Kif nofs in-nhar jinstama'
Idoqq mal-erba' rjieħ,
Taraħ il-ħaddiem bieżel
Jeqaflek għall-mistrieħ.

Ix-xemx tiddi fuq rasna
Tindokra lill-ħolqien,
Titgħaxxaq bin-natura,
Bint Alla, kollha lwien.

Mix-xogħol il-ħaddiem jieqaf
Mad-daqq ta' nofs in-nhar;
Kulħadd bil-ġuħ jitlaqlek
Imgħaġġel lejn id-dar.

Il-qniepen jistidnuna
Ngħidu l-Angelus flimkien,
Iżda l-ħaddiem jitmeżmeż
U jgħid li hu għajjien.

Il-Belt tbattlet mill-ħamba
Tan-nies u l-ġeġwiġija,
Kulħadd telaq lejn daru
Għall-fatra mistennija.

Taħt ir-riġlejn l-art tikwi
U ssaħħan kullimkien;
In-nies għall-ikla sejra
Lejn darha bla dewmien.

X'ħin l-ikla tkun intemmet
U r-raġel jistrieħ ftit,
Fis jibda jlesti ruħu
Biex jerġa' għax-xogħol mill-ġdid.

# IN-NISEL TAL-VERB "QALFAT"

*Ta'* ERIN SERRACINO-INGLOTT

Meta wieħed ikun irid isib in-nisel ta' kelma hu dejjem tajjeb (anzi fil-fehma tiegħi hu meħtieġ) li, qabel xejn, ikun jaf it-tifsiriet kollha tagħha, ewliena u mhumiex, għax ħafna drabi r-rabta etimoloġika tista' tkun imwettqa sewwasew minn xi tifsira sekondarja, fejn in-nisel tal-kelma jista' jkun xi ftit dubbjuż, l-aktar ħtjia ta' nuqqas ta' tagħrif storiku eżatt.

Fil-każ tal-verb Malti "Qalfat, jqalfat" jien insib li t-tifsir mogħti mid-dizzjunarji li nafu bihom (ibda minn De Soldanis u spiċċa f'Busuttil) m'hux komplut. Falzon, minn fuq Vassalli, jfissru biss "calafatare, ristoppare i navigli"; Vella, xott xott, "calafatare", u Caruana "ristoppare e incatramare la nave".

Imma l-verb għandu tifsiriet oħra sekondarji li, fi "Il-Miklem" tiegħi, jien nagħtih hekk:

> "Mela u sadd tajjeb bil-qatran u l-istoppa jew ġbisa x-xquq ta' bejn it-twavel ta' bastiment, skuna eċċ; ħadem jew sewwa xi ħaġa bla kont jew bla sengħa; għamel xogħol ħorrox borrox; *qalfat 'il barra*: bagħat 'il barra lil xi ħadd bil-ħerra u ġen. bil-medd ta' l-idejn, keċċa lewt lewt".

Għalkemm il-kelma tinsab fl-Isqalli ("calafatari"), jidher, mill-għamla kwadrilittera bl-ewwel radikali *QA*, li l-Malti jafha mill-Għarbi fejn insibuha bħala kwadrilitteru, ġen. bl-aħħar radikali "THA". Beaussier ifissirha hekk: "Calfater, carener; radouber; rétrousser les vêtements pour ne pas les mouiller".

Ta' min jinnota li t-tifsir sekondarju ta' "radouber" (li ftit jew wisq hu bħal fil-Malti) ma jinsabx fl-Isqalli u fit-Taljan.

Dozy-Suppl. jagħti l-verb ukoll bl-aħħar radikali "TA" barra "THA", u barra t-tifsir ewlieni jżid: "cimenter"; u fil-għamla passiva jagħtih bħala "se radouber". Barra minn hekk iżid ukoll li l-verb jingħad anki bl-ewwel radikali "ĠE". U taħt il-"ĠE" jagħtih ukoll Kazimirski, jew bl-aħħar radikali "THA" u sew bid-"DHA", iżda ma jagħtihx taħt l-ewwel radikali "QA".

Għalkemm, minn dan, jidher li l-verb m'hux biżżejjed stabbili fil-Għarbi, wieħed jifhem li dan hu kollu ġej minn żewġ ħwejjeġ:

(1) ix-xebh kbir li hemm bejn "TA", "THA" u "DHA" fit-tlissin, hekk li fil-Malti saru ittra waħda, it-"TE";

(2) il-bidla komuni li nsibu fil-Għarbi tan-Nord Afrika, l-aktar bejn il-Berberu u l-Eġizzjan għal dak li jolqot it-tlissin tal-"ĠE", tal-"GA" u tal-"QA", li ġiebet xi taħwid ewfoniku anki fil-Malti (qabbel "Kagħka" u "Qagħqa" eċċ.).

Imma xi prova għandna li l-Malti ħa l-kelma mill-Għarbi u mhux mill-Isqalli?

Jien inħoss, kif ġa sostnejt band'oħra ("Journal of Maltese Studies" No. 3, 1966), li l-kwadrilitteri, meta jkunu ġenwinament ġejjin mill-Għarbi, huma dejjem imnisslin minn trilitteri, biex ma mmorrux aktar 'il bogħod. Imma, qabel ma naraw jekk il-kwadrilitteru "qalfat" ħariġx minn xi trilitteru ieħor Għarbi, jaħtieġ naqtgħuha jekk il-Għarbi jafx il-kelma mir-Romanz (p.e. l-Isqalli "calafatari") jew jekk hux bil-maqlub.

Barbera, li, kif jistqarr hu stess fid-"Daħla" tal-ktieb tiegħu, lesta dak ix-xogħol fi ftit xhur, u li jien ġa wrejt, snin ilu, li ma jaħsibx jew ma jistudjax biżżejjed qabel ma jikteb, qal, dwar il-kelma "qalfat" fid-"Dizionario Maltese-Arabo-Italiano" tiegħu:

> "Su tal forma verbale troppo hanno razzolato al par delle galline i nostri etimologhi internazionali passati e presenti ed ognuno ha detto, mi si permetta l'espressione, la sua bella e grossa corbelleria"; u hawn Barbera jżid il-"corbelleria' tiegħu billi jgħid, bla ma jwettaq, "la forma araba è italiana".

Issa, jekk it-Taljan jaf il-kelma "calafatare" mill-Isqalli, kif tabilħaqq jafha (u mnejn sata' jafha aktar, la ma tinsabx fil-Latin u lanqas fil-Provenzal, iż-żewġ ilsna prinċipali li minnhom rada' t-Taljan?); l-Isqalli "calafatari" mnejn sata' ħadha jekk mhux mill-Għarbi?

Imma dan l-argument tiegħi jaqa' jekk, fil-Għarbi, fuq it-teżi tiegħi tal-kwadrilitteriżmu, ma jinstabx it-trilitteru oriġinali!

Kif għandu wieħed jimxi xjentifikament biex wieħed isibu?

Skond it-teorija tiegħi, li ġa tajt *in extenso* fix-xogħol l-ieħor tiegħi fuq imsemmi, fil-kwadrilitteru "qalfat" hemm konsonanti barranija li daħlet wara fuq trilitteru. Liema hi?

*Jew*: l-"elle" li setgħet daħlet *bħala likwida* b'dissimilazzjoni flok it-tieni radikali *ġeminata* tat-tieni forma verbali tat-trilitteru "qafat";

*Jew*: it-"te" finali, li setgħet żdiedet bħala suffiss tal-plural tan-"nomen unitatis" (bl-"a" finali) tal-verb ta' l-ewwel forma tat-trilitteru "qalaf" (i.e. "qalfa", *inde* "qalfat", jew kif ngħidu aħna bil-Malti "qalfiet").

Liema minn dawn it-tnejn tista' tkun? Naraw.

Nibdew b' "qafat". Fil-Għarbi l-verb "qafata", li m'għandux it-tieni forma (u dan hu importanti), ifisser skond Kazimirski: "sauter sur une femelle pour la couvrir, se dit des oiseaux" etc. Jidher ċar li dan it-tifsir, jiġġebbed kemm jiġġebbed, ma għandu

xejn li xejn x'jaqsam ma' dak tal-kwadrilitteru "qalfat". Mela "qafat" barra!

Niġu għal "*qalaf*". Fil-Għarbi l-verb "qalafa" hu mogħti minn Kazimirski b'dan it-tifsir li ġej, sew fl-ewwel forma, u sew fit-tieni (u dan hu importanti): "calfater un navire avec des fibres de palmier et du goudron". U Kazimirski jagħti wkoll in-"nomen unitatis": "qalfa", li fil-plural issir "qalfat" (bil-Malti "qalfiet").

Quod erat demonstrandum.

Naħseb li għandi raġun ingħid li l-verb kwadrilitteru "qalfat" fil-Għarbi ħareġ mill-plural ta' dan in-nom verbali tat-trilitteru "qalafa"; minn hemm, bħala kwadrilitteru, daħal fil-Malti l-ewwel, u fl-Isqalli wara, fejn ħa d-desinenza "-ari", u mbagħad daħal hekk fit-Taljan u f'ilsna romanzi oħra ta' l-Ewropa.

Ma naħsibx li għandu jibqa' dubju dwar il-loġika ta' dan il-proċess etimoloġiku. Imma, kieku kellu jkun hemm, jitwarrab ukoll malli wieħed jara li saħansitra t-tifsir sekondarju tal-verb Malti jinsab fit-trilitteru Għarbi "qalafa" taħtiex Dozy-Suppl. jagħti t-tifsir: "massacrer, gâter, mal travailler", biex ikompli jurina aktar biċ-ċar li l-kwadrilitteru ħareġ minnu.

Altru minn "la forma araba è italiana", għidlu lil Barbera!

Taf x'naf ingħid: li sewwa jgħid il-qawl Malti, li "qattusa għaġġelija frieħ għomi tagħmel"!

---

# ŻEWĠT ERWIEĦ

*Ta'* P.P. THEUMA

Għaddej, dejjem għaddej,
Mal-mewġa jsuq tal-ħajja,
Ġlied ftit u ħasba xejn
Bħalu, jinsabu qtajja'!

L-ieħor jaħseb darbtejn,
Triqtu mimlija tlajja',
Jistaqsi spiss għalfejn,
Għażlu bejn ferħ u qtajja'!

# NIEQA MQADDSA

## ODI

### *Ta'* ĠUŻE' GALEA

Il-għana ħelu li smajt f'widnejja
fetaħ 'l għajnejja.
Ilmaħt quddiemi nieqa sabiħa
nieqa li ssaħħar bil-ġmiel u l-fwieħa.
Ilmaħt ma' dwarha jien f'dak il-ħin
qtajja' ta' Anġli tant ferħanin;
mistagħġbin rajthom,
jistaqsu smajthom:
Liema nieqa eqdes minn din?

Ġo dik in-nieqa x'inhu li rajtu?
Mistagħġba għax bqajtu
Anġli tas-Sema? Min jinsab fiha?
Nista' wkoll jien nitgħaxxaq biha?
L-Anġli wieġbuni: ħares u thenna
fin-niket tiegħek b'dal-ġmiel tal-Ġenna.
F'din it-Tarbija
ara l-Messija,
li b'ħerqa kbira ilek tistenna.

Minnhom mistieden fis ersaqt jiena
lejn il-benniena,
xewqan ġo fiha ħarist jien sewwa
dehra tal-Ġenna jien rajt hemm ġewwa;
imdawwar bid-dija ħelu Bambin,
bil-bjuda u l-fwieħa tal-ġiżimin.
Jien malli rajtu
mill-ewwel qtajtu
ruħ kollha t'Alla, ħolqien divin.

Bnedmin nifirħu: twieldet Tarbija,
il-Mistennija
mid-dinja kollha għal bosta żmien;
nifirħu, ħuti! għax il-ħelsien
wasal sa fl-aħħar; għar-rebħa tagħna
min imexxina, issa għandna magħna.
Oħ ħelwa nieqa!
M'hemmx iżjed dieqa,
bis-saħħa tiegħek, ruħna hi mistagħna.

# IL-KELB TAS-SUR MANIFK

*Ta'* PAWLU CACHIA

Il-bniedem sikwit jarralu meta jaħseb li f'dak li sa jkun ħa jagħmel sa joħroġ ta' raġel bl-għeruq u x-xniexel. Hekk ġralu tal-laħam. Ħaseb li sa jagħmel mod, imma bdielu għax ġieh ieħor. U ngħidulha, ħadd ħliefu ma mar minn taħt.

Isimgħu mela xi praspura ġratlu.

Luċens kellu nitfa ta' ħanut tal-laħam fil-misraħ tar-raħal. Kien fil-qalba u għalhekk tidħol x'ħin tidħol, il-ħanut dejjem taraħ imballat bin-nies, l-aktar bin-nisa ireddnu u jpaċpċu x'libset dik u x'għamlet l-oħra jew iħaqqu ma' Luċens biex ifittex jeħlisħom.

Tal-ħanut, bħal ħafna oħrajn, kien daqsxejn fanfarun. Kien jiftaħar li hu kellu l-aħjar ħanut u li ssiblu l-iprem laħam tal-majjal u taċ-ċanga. "X'ingħidu mbagħad għaż-zalzett u l-mazzit?" kien iħobb jidden Luċens. "Jekk iddur ma' Malta kollha ma ssibx itjeb minnhom." Kollu minnu, lil Luċens kont issiblu l-aħjar fis-suq. U dan, ix-xerrejja kienu jixhduh, għax għand oħrajn kienu jarawha bi tqila biex jidħlu u jixtru. Iżda għandu, f'dak id-daqsxejn ta' ħanut, kien ikollu baħar ta' nies tross biex tilħaq minn ta' l-ewwel.

Għalkemm fil-bejgħ kien jagħraf imur man-nies, Luċens kien xħiħ wisq. Għall-ħabba jasal biex inittef bergħuda. Dak li hu tiegħu u ħaqqu, minn hawn u minn hemm dejjem irnexxielu jieħdu daqs tazza ilma. Mhux malajr jgħadduh minn għajn il-labra.

Imma għal din id-darba z-zalza ġietu ogħla mill-ħuta. Xi drabi x-xitan lanqas jaħmel.

Mela kien il-Ħadd u l-ħanut kien fl-istess festa tas-soltu u f'dak il-jum xi ħaġa iżjed. In-nies, lanqas li kien qed iqassam b'xejn, kienet fgat il-ħanut biex tixtri ħa jkollha xi ssajjar f'dak il-jum ta' btala. Imma kemm jesa' dak l-imbierek ħanut? Ħafna baqgħu barra u dawn ma kinux jaraw dik is-siegħa li n-nies titbattal biex forsi fl-aħħar imiss lilhom.

"Luċens, ittinix grass," kienet qed tgħidlu Filomen. "Dak idilku ma' żaqqek!"

Luċens minflok tmasħan u ħa għalih, tbissem u ħadlha biċ-ċajt; "Ajma ħej, mela mur ara kieku kelli ż-żaqq tas-Sur Manifk x'kont tgħidli?"

Filomen kienet is-seftura tas-Sur Peppin, in-nutar tar-raħal. Hi kienet tqisu daqs ħuha u għalhekk xejn m'għoġobha dak li qalilha tal-ħanut.

"Int lilek min semmielek il-Manifk. Għax ma tarax x'laħam

qed ittini u neħilsuha għax mgħaġġla," reġgħet dik li ħajta f'ilsienha ma kellhiex.

"U ejja aqtagħha. Jekk int mgħaġġla, aħna xejn inqas minnek," qabżet Kunċett waqt li xejret idejha fuq l-irjus donnha trid taħbat għal Filomen.

Bit-twila u l-qasira, Filomen, Kunċett u ħafna oħrajn inqdew u ħarġu b'wiċċ il-ġid wara ħafna mbuttar u tiġbid.

Il-ħanut qajl qajl beda jeħda min-nies.

Iżda l-għawġ għal Luċens kien għadu ġej!

Mal-blata taċ-ċaċċis, kif inhi d-drawwa, tal-ħwienet iħobbu jżommu daqs nofs tużżana ganċijiet biex magħhom idendlu xi ftit minn dak li jkollhom għall-bejgħ. U Luċens ma kienx joqgħod lura minn din id-daqsxejn ta' wirja. Mal-koxxa tal-bieb, xi ftit l-isfel, kellu serduk imnittef. Il-prezz tiegħu kien nofs lira taħraq għax hekk kien hemm imħarbex fuq biċċa kartuna maħmuġa tinten. Imma x-xitan ma għandux ħalib. Kelb iswed u imqanfed li jekk issibu barra ma tiġbrux kien ilu kwarta jxammem u jagħti s-salt biex jaħtfu taħt snienu. Imma l-waqt ma damx ma wasal, u kif il-kelb seħħlu jagħmel dan f'kemm wieħed jgħid Kredu, telaq jiġri b'kemm kellu saħħa, donnu jaf li jekk jaqbdu Luċens għadma ma jħallilux f'ġismu.

Luċens ma kienx induna. Iżda Ġanna tal-kafè indunat għax, "Ara xi ġralek, Luċens. Ġie kelb u seraqlek dak is-serduk imnittef li kellek imdendel."

"Allura int qisek ċapsa ħallejtu jieħdu?" ċanfarha bl-ikrah dak.

"Xi tridni nagħmel! Niddobba xi gidma għal wiċċek? Daqskemm int ħelu! Ma tgħidx kont sa tt'ħuli b'xejn," weġbitu Ġanna.

"Ħallini Ġann, għax jekk naqbdu, insallbu lil dak il-mingħul ta' kelb," u waqt li qal hekk, Luċens ħareġ minn wara l-bank u xiref minn fuq l-għatba tal-bieb. L-għasfur kien għosfor.

"Għamilieli llum dak il-fergħun! . . . Tafu ta' min hu?" staqsa dak lil dawk li kellu fil-ħanut.

Ħadd ma wieġeb. Spira biss kienet taf, għax xi xahrejn qabel dak l-istess kelb kien gidimha waħda f'idejha kif tmiss il-liġi.

"Dak tas-Sur Peppin!" għarfitu Spira. "Nafu tajjeb dak l-imgħarraq għax darba sabli l-laħam taħt snienu. Dawk snien! . . . Tax-xitan! Nirrah jaqbduh ta' barra minn hawn."

"Imma npattihielu jien, għax sidu jkollu jtini ħaqq dak is-serduk," maħħaħ Luċens.

"Ma tantx tieħu palju miegħu dak, għaliex jaħsibhom ta' nutar li hu. Taf x'qalli hux meta mort ngħidlu x'għamilli? Qalli: 'Il-klieb iridu jieklu'."

"Qallek hekk eeh, mur obsor għalih is-Sur Peppin. Allura int ħalle tu b'xejn? Għalfejn ma ħarriktux?" saħħnitha Ġanna.

"Hekk kelli aptit, imma ma ridtx inġib id-dinja fit-tarf, għax naf li dawk ma' moħħhom ma tlaħħaqx. Taħseb int li l-imħallef se jagħti raġun lili biex iwaħħal lin-nutar bit-tort?" qaltilha Ġanna.

"Imma jien, naf x'naf, neħodha n-nofs lira, ta' raġel li jien. Jekk mhux għal xejn, nurih li miegħi ma jiċċajtax . . . Miegħi għandu jagħmilha. Għandu jkun għadu ma jafx xi nsarraf jien," tbaqbaq Luċens.

"Tibżax, Luċ!" reġgħet rewħet Ġanna. "Dak jaħseb li għalih kulħadd dubbien, għax jaf ftit ta' l-iskola. Jaħseb li laħaq is-sema b'idejh."

U wara dik il-battikata, Luċens qeda lil kulħadd mill-aħjar ı seta' u billi kien sar il-ħin u n-nies qatgħet, għalaq il-bieb u daħal ġewwa.

Il-Malti jgħid, 'Il-ftira sħuna tajba.' U Luċens kien ta' l-istess fehma.

Wara li għarraf kollox lil martu, inħasel ħasla nobis mid-demm li kellu mċappas ma' jdejh, libes il-ġlekk tad-dragunar u telqilha jħammem lejn l-uffiċju tas-Sur Peppin. Ara kemm saħan u qal fil-ħanut, hu u sejjer, bejnu u bejn ruħu ħaseb li aħjar jieħdu bil-kelma t-tajba. B'hekk biss jieħu dak li jrid.

Kif daħal, ma damx wisq jistenna għax malajr sema' lis-Sur Peppin b'rasu baxxuta fuq reġistru ikkamlat jlissen, "Min imissu."

"Sur Manifk," beda Luċens, "ġejt inħabbtek daqsxejn."

"Tħabbatni? Ara x'kull waħda! Mela aħna mhux għalhekk qegħdin?" qallu s-Sur Peppin waqt li niżżel in-nuċċali fuq il-ponta ta' mnieħru.

"Ġejt nieħu daqsxejn ta' parir," reġa' tal-ħanut.

"Għid, Luċens, x'parir tixtieqni ntik?"

Luċens ma kienx jaf sa jaqbad jgħidlu. Imma fl-aħħar ġietu:

"Għax, sinjur, ftit ilu fil-ħanut daħalli kelb u seraqli serduk il-ġmiel tiegħu; jiswa nofs lira," qallu u meta rah sejjer tajjeb, saqsieh, "Nista' allura nfittex lis-sid u jagħtini flusu? Għax taf int, is-serq mhu tajjeb għal ħadd."

"Dażżgur li tista'. Luċens għandek kull dritt tfittex lis-sid u jħallsek," wieġbu n-nutar.

"Hawn aħna!" qal minn taħt il-ilsien Luċens. "Ħa naraw kif sa joħroġ għażli."

Imbagħad għamel l-almu u temtem, "Għax, sin..jur, il-kelb li se..raqli s-ser..duk hu..wa tie..għek," qalagħha Luċens.

"Iva, Luċens, il-kelb tiegħi? . . . Tħabbel moħħok xejn," qallu l-Manifk waqt li ħareġ il-kexxun u qabad nofs lira f'idejh. "Din tiegħek! Dak il-kelb qiegħed biex jgħallini."

Tal-ħanut ma stenniex li sa jġibha żewġ daqshekk u kien sa jqum biex wara li jiżżiħajr lis-Sur Peppin joħroġ 'il barra qisu qatt ma kien xejn.

"Nirringrazzjak, Sur Manifk. Skużani li ġejt intellfek . . . L-għodwa t-tajba!" qallu Luċens b'wiċċu għad-dawl u b'ħatfa biex jeħles minn dik il-biċċa saram.

"B'daqshekk? Imma, jekk jogħġbok, qabel titlaq ħallili sbatax-il xelin u nofs tal-parir," qallu n-nutar bi ħlewwa l-aktar kbira.

Luċens inħasad u baqa' b'ħalqu miftuħ. Imsarnu niżlu f'riġlejh. Madwaru ra kollox idur u telgħetlu għoqla fi griżmejh li ma ħallitux ilissen nofs ta' kelma. Is-Sur Peppin kien qlieh bil-għaqal. Ma setax ma jagħtihomlux. Kienu l-ħlas tax-xogħol tiegħu bħalma kienu tas-serduk għalih.

Bil-qalb it-tajba Luċens tal-ħanut żerżaqlu tliett tmintax irbigħat man-nofs lira li kien għadu kif taħ. Lanqas 'Grazzi' u 'Saħħa' ma qallu, u ma jafx jekk hux ħaj jew mejjet qabad u lebbet 'il barra.

Demmu tela' kollu f'rasu u jekk ma qabditux puplesija dak in-nhar fit-triq ma nafx meta taqbdu waħda lil Luċens, għax kien ħadha bi kbira wisq.

Xi jumejn wara meta Ġanna u Spira staqsewh kif kien baqa' fuq il-kelb tal-Manifk, Luċens ma kellux ħila jweġibhom. Filomen li kienet hemm biex tixtri l-kirxa, ma qagħdetx taħsibha darbtejn għax dlonk qaltilhom, "Kellu jħallas seba' xelini u nofs mal-prezz tas-serduk!"

Iż-żewġ nisa ma fehmux x'riedet tgħid Filomen b'dak il-kliem. Iżda Luċens fehem għax żarrad tnejn minn taħt li mhux xieraq li aħna nsemmuhom hawnhekk!

*IL-PRESIDENT U KUNSILL TA'*
*"IL-GĦAQDA"*
*JIXTIEQU R-RIŻQ U L-HENA*
*LILL-MEMBRI U MSEĦBIN*
*F'IL-MALTI*
*MA' TUL IS-SENA L-ĠDIDA*
*TAL-1968*

# LILL-PATRI ĠUŻEPPI DELIA, S.J.

*F'Egħluq il-Ħamsin Sena fil-Kumpanija ta' Ġesù*

*Ta'* ĠUŻE' CARDONA

*Rigal żgħir minn Student tiegħu ta' 28 sena ilu, biex juri li kien u jibqa' mdejjen lejh bħala l-ewwel Surmast tiegħu tal-Malti.*

Fil-kesħa ta' Cambridge, il-bogħ'd minn Għżiriti,
Waslitli stedina għal Lejla ta' Ġieħ
Biex tfakkar nofs seklu li Patri Delia
T'Injazju Loyola ingħaqad mar-Rħieb.

Mal-ferħ mitt tifkira minn moħħi għaddew,
Minn meta dal-Patri rajt darba snin ilu
U smajtu jgħidilna l-għeġub ta' Fantomas
Fil-*ground* tal-Kulleġġ. Niftakar, bħal bierah,
L-għajnejn tagħna jżebbġu mistagħġba, mwerwrin
U l-għada ninġabru madwaru mill-ġdid,
Biex Patri Delia jissokta ħraf'oħra,
Li kien jisgħobbina kull meta tintemm.

Għal snin ma deh'rx aktar il-Patri nissieġ
Ta' ħrejjef li baqgħu f'imħuħna ċkejknin;
'Ma fl-aħħar fil-klassi erġajna rajnieh
U beda jgħallimna il-Malti, il-Latin.

Minn għandek, ja msaħħar poeta tal-ġmiel,
Tal-ħlewwa, tad-difa, tal-benna, l-Ilsien
Għażiż t'Art Twelidi minn fommok tgħallimt
U f'qalbi għożżejtu sakemm sar il-ħin
Biex bħalek ingħanni bi vrus sbieħ maltin,
Il-Qawwa ta' niesna, il-ġmiel tat-twemmin,
Il-għożża ta' Psaila, li ħakem lit-tnejn
Li t-tnejn fis ħabbejna kif fhimna kobortu —
Il-kobor bla qies ta' bniedem li bata
Għax ħabb 'l Art Twelidu w għannieha b'kull Ġieħ
U riedha meħlusa mill-madmad barrani,
Għaliha, sabiħa, bla xkiel bla tħassir.

'Ma darba tlewwimna . . Int kont sirt Rettur
U ħriġt amar kiefer għalina l-Qormin,
Li Għid San Ġorġ tagħna hu jum ta' tagħlim —
Min jonqos minn dmiru jitkeċċa fil-ħin.
Kif stajna nitgħallmu fil-jum tal-Qaddis
Bil-festa, bil-bombi, bid-daqq hekk fil-qrib???

Inqasna mill-amar, tkeċċejna jumejn
U kellna noqogħdu għal żmien wara l-ħin!

'Ma xorta għożżejtek, Poeta w Għalliem
Tal-Lsien ħelu tagħna li xtered biż-żmien
U wasal fl-Ewropa bil-qlib ta' l-għorrief,
U tiegħek fost l-ewwel bl-ilsien Kastiljan,
Fi Spanja, fejn għarfu li d-deħ'n tal-Maltin
Mhux anqas jew ifqar mill-ġnus imgħallmin.

Kemm fraħt meta fl-aħħar għażluk Provinċjal
U rajt l-Għaqda tiegħek tistagħna fil-għadd,
Fil-Ħidma tixtered ma' l-erbat irjieħ
Titweġġah bil-għaqal ta' ħafna mir-rħieb.

Illum, f'dal-Jum ħlejju għalik u għall-ħbieb,
Ħallini ningħaqad ma' niesek fil-ferħ.
Ħallini, ja mgħallmi, nixtieqlek kull risq:
Li ħajtek tkun twila, miżgħuda b'kull ġid
Għal Alla, għal Ġensna, għall-Muża w għad-Din
U tgħaddi wisq aktar minn dawn il-Ħamsin
Fil-Merħla ta' Njazju, b'ġieh kbir għall-Maltin.

Darwin College,
Cambridge University,
9 - 12 - 1967.

---

## AĦBAR TA' MEWT

Il-*Għaqda* bl-akbar niket tħabbar il-mewt tal-mibki membru tagħha **ROBERT MIFSUD BONNICI** li ġrat fil-15 ta' Diċembru 1967.
Tagħrif nekroloġiku tidher f'Għadd ieħor ta' *Il-Malti*.

# REĊENSJONIJIET

## "IL-LEĠĠENDA TA' SAN NIKOLA". Ta' P.G. Delia, S.J. fil-"*25 Ta' Ġunju 1967*", Empire Press, 1967.

Patri Ġużepp Delia hu magħduḍ fost l-aħjar poeti ta' żmienna; għandu stil ħelu, ritmu ħafif u jaf isawwar dehriet u ħsebijiet li jpaxxu l-qalb u jħeġġu l-moħħ, kif għamel f'din il-poeżija tiegħu. Hu kiteb fuq ħafna suġġetti, imma x-xejra tiegħu l-aktar milquta hi l-leġġenda, tant li llum hu magħruf bħala l-Poeta tal-Leġġendi.

Din il-poeżija dwar waħda mill-ġrajjiet leġġendarji tal-qdusija ta' San Nikola Ta' Bari, iżżid issaħħaħ il-fama ta' Patri Delia fil-qasam tal-poeżija fejn hu għamel isem famuż. Kif igħid il-poeta, din il-ġrajja ma hix xi ħrafa jew qlajja' kif aktarx ikunu l-leġġendi popolari, iżda hi waħda mill-egħġubijiet tat-Tawmaturgu ta' Bari. Il-ġrajja fiha element romantiku speċjalment għalina l-Maltin, li fl-istorja ta' Gżiritna naqraw avventuri dwar kurżari Misilmin li kenu jaħbtu għal Malta u jkarkru lsiera lil kull min isibu; imma fil-ġrajja ta' din il-poeżija jidħol element soprannaturali jew mirakuluż li jnissel għaġeb u għaxqa fil-qarrej.

Din il-leġġenda ma tagħmelx għajb lid-damma ta' leġġendi li l-poeta kiteb qabel u filwaqt li aħna nifirħulu, nixtiequh jissokta fit-triq li qabad għal-ġieħ u l-ġid tal-letteratura Maltija.

Ġ.

## "L-GĦAR TAL-ENIMMI" — Ġabra ta' Poeżiji ta' Achille Mizzi. Lux Press, 1967 — pp. i-viii-48.

**L-Għar tal-Enimmi** hija ġabra ta' poeżiji fi ktieb bi studju introdduttiv tal-Prof. Ġ. Aquilina. L-isem ta' Achille Mizzi, bħala wieħed mill-poeti żgħażagħ moderni, nsibuh għall-ewwel darba b'xi versi tiegħu fl-aħħar paġni tal-**Muża Maltija** (It-Tieni Edizzjoni, 1964) fejn il-poeżija tiegħu bikrija dehret b'libsa ta' xeħta ġdida fl-ispirazzjoni u fil-forma, iżda mingħajr dak il-velu hekk imdennes li nsibu f'xi versi oħra tiegħu fil-ktieb tal-**Għar tal-Enimmi.**

Fil-versi ta' dan il-ktieb dan il-poeta żagħżugħ jidher mixgħul bi xrariet qawwija ta' ħajra li jimxi max-xeħta ta' riforma letterarja li nsibu wkoll fl-imħuħ ta' xi żgħażagħ li sal-bieraħ kienu għadhom iduqu l-motivi klassiċi ta' Ġużè Muscat Azzopardi, l-ewwel u l-ixjeħ kittieb ta' poeżija klassika Maltija, kif ukoll ta' Dun Karm, li bihom, minn xi erbgħin sena 'l hawn iżżejnet il-poeżija fqajra u tradizzjonali Maltija.

Bħal fl-arti tad-daqq u tal-għana, illum beda dieħel fil-mentalità poetika tal-ġenerazzjoni ġdida r-riefnu qawwi ta' ċerta poeżija moderna li fiha nsibu ssaltan il-komplessità misterjuża sukoxjenti li f'xi wħud iddaħħan l-imħuħ torja b'nar minn ħġejjeġ ta' ilsna barranin.

Sa mill-bidu tas-Seklu Għoxrin din l-arti ġdida ħadet kemm l-isem fir-riċerki ta' riformi letterarji, fosthom ismijiet ta' krespuskolariżmu, futuriżmu, surrealiżmu, li mietu fil-fisqija. Kienet l-ewwel gwerra mondjali tal-1914—1918, li, milli jidher, heġġet l-ewwel darba fir-ruħ poetika ta' Ungaretti l-idea ta' riforma prosodika li fuqha twaqqfet dik il-poeżija ermetika, li għalkemm fqira fis-sentimentaliżmu romantiku (għax iktarx, skond xi kritiċi, magħmula iktar minn **kliem** milli minn **versi**) ħabtet saħansitra tagħleb u tidfen il-motivi ġodda tal-Paşcoli u ta' D'Annunzio. Hekk ukoll illum, wara t-tieni gwerra, din il-mewġa ta' poeżija moderna komplie· bil-qawwa ta' riħ favorevoli twassa' triqtha u tidħol fostna biex tagħleb għalkollox il-poeżija klassika tal-bieraħ.

Fil-ġabra tal-poeżiji ta' Mizzi (kif ukoll ta' xi poeti oħra żgħażagħ) għandna mera ta' kif minn xi snin 'l hawn il-fewġa tal-poeżija kontinentali (Franċiża, Taljana u Ingliża tal-lum) laħqe· iddakkar il-mentalità tagħhom b'mod li donnhom insew għalkollox il-prinċipji fondamentali tal-prosodija klassika li minnha redgħu għall-ewwel darba l-ispirazzjonijiet tagħhom.

Ħaġa li tolqot hija s-sinċerità li biha nsibu d-definizzjoni fl-**isem** tal-poeżija moderna ta' xi wħud, kif naraw fl-isem mogħti lill-ġabra tal-versi ta' Mizzi — versi ħerġin mill-**Għar tal-Enimmi**, fejn bil-kelma **enimma**, aħna nfissru volgarment il-frażi tal-**ħaġa moħġaġa**. B'danakollu, Mizzi, fil-versi tiegħu enimma·iċi ma nisiex li, barra milli hu poeta ermetiku jew awtur ta' indovinalji, huwa wèoll kultant tradizzjonali, kif naraw f'xi versi tiegħu bħal **f'Nofs il-Lejl, Malaise, Dawl, Santa Sophia,** u fil-poeżija **Ars Artium** li fil-metafori u kontrasti tagħha tissimboleġġa ş-setgħa tal-arti tal-poe·a f'versi bħal dawn: **Għodda tiegħi l-kliem li naqsmu f'jasar/U bih ninqeda/Mhux bħal pittur li jislet waqt mill-ħajja/ Fuq tila mejta/Jew bħal skultur li jwaqqaf ġmiel ċaqlieqa/F'irħama ċassa . . . . Fi kliemi/L-iżmna jiddakkru bi fwiħat il-ħajja . . . . U l-qalb titkellem bil-ġibdiet mostura/Li l-bronż u rħam m'għandhomx.**

Hekk naraw li Mizzi, bħala poeta, għalkemm, bħalma fisser tajjeb, il-Professur Ġ. Aquilina, **jitbiegħed mill-prosodija tradizzjonali, f'xi versi tiegħu, ma jagħmilx għajb lit-teknika klassika.**

Ma rridux fl-aħħarnett nonqsu li nistqarru li fil-vokabularju tal-versi tiegħu, Mizzi huwa iżjed prożajk milli poetiku, u din mhix drawwa tiegħu biss, imma ta' xi poeti oħra moderni li iktar ifittxu r-reqqa tal-ħsieb (għalkemm astruż) milli tal-kelma safja Mal·ija kif jixraq fis-sengħa prosodika. Nuqqas ieħor ukoll insibu 'l hawn u 'l hinn fil-forma mhux grammatikali ta' xi kliem. Iżda mbagħad, fuq kollox, għandna nistqarru illi Mizzi bħala poeta modern jingħażel mhux ftit minn sħabu fl-erudizzjoni letterarja tiegħu li mingħajrha ma tistax toħroġ mill-pinna ta' kull kittieb poeżija teknikament ·ajba.

a.c.

A. CREMONA, *Le relazioni etnografiche del Folklore narrativo e leggendario delle isole di Malta*. (Estratto dalla rivista "Maltese Folklore Review". Vol. 1, n. 1-3, 1962-1966, pp. 46).

F'dan l-istudju Cremona jżid ifisser il-fehmiet tiegħu dwar il-folklore Malti billi juri r-rabtiet li hemm bejn it-tradizzjoni narrativa ta' Malta u dik ta' Sqallija, ta' l-Italja, u ta' xi pajjiżi oħra tal-Kontinent. Għalkemm miktub u maħruġ f'dawn l-aħħar snin, il-materjal ta' tixbih li bih huwa mżejjen dan l-istudju kien inġabar bosta snin ilu u jmur lura

għal ftit wara l-bidu tal-ħidma tiegħu lingwistika meta, fil-bidu, imwieżen minn Temi Zammit, kien infatam mill-ħakma u s-seher tal-kitba u t-teorija ta' Patri Magri, qabad it-triq it-tajba u, mingħajr ebda passjoni, beda jagħraf u jistudja ż-żewġ elementi, wieħed Semitiku u l-ieħor Rumanz, li minnhom jissawru fil-biċċa l-kbira sew l-Ilsien Malti kif ukoll il-folklore ta' niesna.

F'dan is-sens din il-biċċa xogħol ġdida ta' Cremona trid titqies flimkien ma' l-istudji l-oħra tiegħu **Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta** (fl-"Archivum Melitense", Vol. VI, Nru. 2, 1922) u ma' l-ieħor **Folklore u Lsien Malti,** miktub fl-1940 u stampat f'**Leħen il-Malti** fl-1944.

Hawnhekk naraw naħat oħra tar-riżultat ta' l-istudji li Cremona għamel bir-reqqa tiegħu tas-soltu. Il-kitba tiegħu hija mrażżna middixxiplina li titlob ix-xjenza; il-materjal imqiegħed fid-dawl ta' l-istorja jieħu lewn ġdid fuq sfond imżewwaq b'tixbiħ bejn ħrejjef, leġġendi, ħaġa moħġaġa, għajdut u drawwiet popolari tagħna mqabblin l-iżjed ma' oħrajn bħalhom fi Sqallija u fl-Italja. Sa ma jasal għall-konklużjonijiet tiegħu Cremona juri kif u sa fejn Patri Magri, qablu, u tista' tgħid bl-istess materjal f'idejh, kien webbes rasu iżżejjed biex jipprova n-nisel Feniċju ta' ħrejjef misserijietna u għalhekk ħareġ barra mill-fil għal dak li hu tiftix komparat.

Fi studju ieħor li kien ħareġ f'Napli fir-rivista **Folklore** (N. 1-2, 1954) imsejjaħ **Folklore Maltese — Lingua, Credenze e Costumi,** Cremona kien semma fil-qosor il-ħrejjef u l-leġġendi Malin u, fost ħwejjeġ oħra, kiteb hekk: **"Uno studio comparativo fra queste favole e quelle continentali, fra cui particolarmente della Sicilia e dell'Italia, rivela non dubbie analogie non solo nello scheletro del tema ma ancora nei particolari, quantunque le favola maltese è riguardata dal Magri di una natura caratteristicamente locale e di origine fenicia o prefenicia".** Fil-kitba li qed insemmu hawnhekk, Cremona jiżviluppa din il-fehma tiegħu, u jwettaqha b'ħafna eżempji u b'tixbiħ meħud, kif diġà semmejna, mill-folklore ta' Sqallija u ta' pajjiżi oħra tal-Mediterran.

Issa f'dawn il-pajjiżi jinsabu studjużi li, biex ngħid hekk, qegħdin b'għajnejhom miftuħa għax-xogħol li qed isir f'Malta fil-qasam tal-folklore. Wieħed mill-iktar magħrufa fosthom, il-Prof. Paolo Toschi, ta' l-Università ta' Ruma, li huwa wkoll direttur tar-rivista awtorevoli "Lares", fisser l-apprezzament tiegħu tal-ktejjeb ta' Cremona f'reċensjoni li deħret f'din ir-rivista fl-1966 u li waslet f'idejna f'dawn il-ġranet. Naqilbu l-kliem ta' Toschi għall-Malti:

"Ir-rivista tagħna dejjem ħarset b'interess speċjali u b'simpatija lejn il-folklore Malti, bħalma jixhdu l-artikoli li minn żmien għal ieħor ħriġna mill-1932 'l hawn fuq xi aspett jew ieħor tal-ħajja tradizzjonali u tal-poeżija popolari f'Malta.

"Għandna pjaċir għalhekk li nsemmu dan il-kontribut mill-aħjar ta' Cremona, li diġà fl-1922 kien ħareġ **Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta,** studju ta' proverbji Maltin tat-temp u tal-biedja li minnhom, kif igħid il-kittieb, "flimkien mad-drawwiet u l-użanzi tradizzjonali u l-ilsien, jissawru l-elementi ewlenin tal-għerf bla miktub tal-poplu Malti". Fuq l-istess linja u bl-istess ħsieb fit-tifsir tal-materjal li għandu f'idejh, Cremona hawnhekk jistudja sensiela ta' ħrejjef Maltin u jqabbilhom ma' oħrajn Sqallin u Taljani, jew ma' oħrajn meħudin mill-ġabra tal-aħwa Grimm. Bil-maqlub ta' li għamel studjuż Malti ieħor, Patri Magri, Cremona huwa mxaqleb li jagħraf fil-patrimonju narrativ

Malti mhux influwenzi feniċi jew puniċi, iżda oħrajn ġejjin minn dinja eqreb u inqas qadima fi Sqallija, u minn popli oħrajn li jnsabu fil-Mediterran.

"Tassew ta' siwi huwa l-'preambolu' li fih naqraw sintesi ta' l-istorja ta' l-istudji li saru fuq il-Folklore Malti, mibnijin fuq elementi u rakkonti ta' vjaġġaturi jew ta' storiċi mifruxa mis-sekli Sbatax u Tmintax sa żmienna. L-importanza ta' din id-dokumentazzjoni hija bil-wisq ikbar milli wieħed jista' jaħseb mad-daqqa t'għajn.

"Għal dak li hu bini tal-ħrejjef xtaqna kieku li Cremona nqeda iktar bit-**Types of the Folktale** ta' Aarne-Thompson u bil-**Motif Index of Folk-Literature** ta' Smith Thompson".

Il-kliem ta' Toschi jagħmel ġieh lill-kittieb tagħna u juri kemm huwa importanti l-istudju tal-folklore Malti fuq l-isfond usa' tal-folklore tal-Mediterran. Meta u jekk għad ikollna studjużi oħrajn lesti biex jiddedikaw irwieħhom għall-ġbir u tgħarbil tal-ħrejjef ta' niesna, inkunu nistgħu wkoll nikklassifikaw il-motivi u t-tipi tagħhom, kif qal Toschi, skond sistemi internazzjonali li fuqhom qed jitmexxa l-istudju tal-ħrejjef illum. Imma xogħol bħal dan irid isir bil-għajnuna ta' ħafna studenti, u b'inkoraġġiment materjali ta' istituzzjonijiet kbar jew ta' universitajiet, kif sar barra. Forsi jkun jista' jinbeda jekk, mal-ftuħ tal-mużew etnografiku fl-Imdina, imwieġħed mill-Gvern u mixtieq minn bosta, ikun hemm ukoll **staff** imħarreġ biżżejjed li għandu l-ħila jidħol għal xogħol bħal dan.

Ġ.C.P.

*Dwar l-Itampa tad-Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku:*

Harġu l-ittri M. N. O. P. Q. tad-"**DIZZJUNARJU BIJO-BIBLJOGRAFIKU**" tas-Sur Robert Mifsud Bonnici, u ħadna pjaċir li issa l-pubblikazzjoni ta' dan id-dizzjunarju tant meħtieġ donnha tqanqlet. Nittamaw li tibqa' miexja 'l quddiem sakemm tasal fl-aħħar ittra u hekk ikollna opra tant utli u tant mixtieqa minn kulmin jinteressa ruħu f'pajjiżna u fil-pajżani Maltin li għamlu ġieh lill-art twelidhom.

---

# KOTBA LI RCEVEJNA

**IR-RUŻARJU** — Editur P. Val. V. Barbara, O.P.
*Settembru — Ottubru*, 1967, Vol. 19, No. 5.
*Novembru — Diċembru*, 1967, Vol. 19, No. 6.
*Jannar — Frar*, 1968, Vol. 20, No. 1.

## WERREJ TAS-SENA 1967


facċ.

**A.C.**
Ismijiet ta' Dwieli u Għeneb ... ... ... ... ... ... 22, 54, 88
Il-Mewt ta' Laurent Ropa ... ... ... ... ... ... ... 35

**Abela, Rev. G.**
Lil Malta ... ... ... ... ... ... ... ... ... 105
Nawfraġju ... ... ... ... ... ... ... ... ... 110

**Agius Muscat, Anton**
Riccarda Borg Fernandez ... ... ... ... ... ... ... 52

**Apap, Victor**
Il-Fanfarun ... ... ... ... ... ... ... ... ... 7
Il-Ġenju ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 53
L-Imħallef ... ... ... ... ... ... ... ... ... 59

**Attard, Emmle.**
U Paċi fl-Art ... ... ... ... ... ... ... ... ... 17
Dalma ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 21

**Barbara, Patri Val., O.P.**
Lill-Kruha ... ... ... ... ... ... ... ... ... 8
Ittra tar-Rev.du Patri Ġenerali lill-W.R.P. Serafin M. Zarb, O.P. 9
Ħobż ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 11
Ħbiberija ... ... ... ... ... ... ... ... ... 84

**Biancardi, Nikol**
Ittra tal-Prof. L. Sutcliffe, S.J. ... ... ... ... ... ... 55

**Borg Fernandez, Riccarda**
Il-Fjur Tiegħi ... ... ... ... ... ... ... ... ... 53

**Buhagiar, Spiro**
Malta Tibki ... ... ... ... ... ... ... ... ... 57

**Cachia, Pawlu**
Bejn l-Aħħar u l-Ewwel tas-Sena ... ... ... ... ... ... 5
Mewt u Ħajja ... ... ... ... ... ... ... ... ... 71
Il-Kelb tas-Sur Manifk ... ... ... ... ... ... ... 117

**Cardona, Ġużè, B.A.(Hons.), M.A.**
Lil Dun Mikiel Zammit ... ... ... ... ... ... ... ... 11
Lill-P. Ġużeppi Delia, S.J. ... ... ... ... ... ... ... 121

**Cassola, Albert M., F.I.L., O.S.J.**
Id-Dmir ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 48
Zoo ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 90
Il-Filosofija fil-Ħanut tal-Kafè ... ... ... ... ... ... 99

**Coleiro, Charles**
Idealiżmu ... ... ... ... ... ... ... ... ... 4
Ċinerama ... ... ... ... ... ... ... ... ... 78

**Cremona, Ant., D.Litt.**
Minn Betlehem għall-Kalvarju ... ... ... ... ... ... 12, 42, 67

**Editur**
L-Anniversarji ta' Nies Kbar ... ... ... ... ... ... ... 3
Nifirħu ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 18, 91
Spirtu Ekumeniku ... ... ... ... ... ... ... ... 33
Il-Moderniżmu fl-Arti ... ... ... ... ... ... ... ... 65
L-Università fil-Post Ġdid ... ... ... ... ... ... ... 97

facċ.

**Fenech, Fra Ewġenju, O.F.M.**
Battikata ... ... ... ... ... ... ... ... ... 58
**Friggieri, Joe**
Tilef id-Dawl ... ... ... ... ... ... ... ... ... 24
**Friggieri, John C.**
Supertizzjonijiet ... ... ... ... ... ... ... ... 75
**Friggieri, Oliver**
Epitaffi Għaqlija ... ... ... ... ... ... ... ... 51
Dubji ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 87
**Galea, Prof. Ġużè, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.**
"Bel Esprit" ... ... ... ... ... ... ... ... ... 34
Nieqa Mqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... ... 116
**Gulia, Wallace Ph., LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin.) Manchester, D.P.A.Lond.**
The Passion Tree, 1967 ... ... ... ... ... ... ... 37
**Henry, Bro., F.S.C.**
Ir-Rebbiegħa ... ... ... ... ... ... ... ... ... 98
Kunsill għas-Sena 1967-68 ... ... ... ... ... ... ... ... 66
**Mejlak, Joe**
Qiegħed Jisbaħ ... ... ... ... ... ... ... ... ... 23
Qiegħed Jidlam ... ... ... ... ... ... ... ... 89
Memento, Nofs in-Nhar ... ... ... ... ... ... ... 112
**Mifsud, Pawlu**
Li kieku kont Warda ... ... ... ... ... ... ... ... 92
Waħda minn Tagħhom ... ... ... ... ... ... ... 106
**Mifsud Bonnici, Robert**
La Divina Commedia ... ... ... ... ... ... ... ... 80
**Muscat Azzopardi, Gino**
Anniversarji ta' Nies Kbar Maltin f'din is-Sena 1967 ... ... 20
**Pellegrini, V.M., LL.D.**
Ballett u Poeżija fil-Kunċett Spanjol ... ... ... ... ... 72
Għadira, Din Tassew, Memento ... ... ... ... ... 111, 112
**Reċensjonijiet**
Marzu ... ... ... ... ... ... ... ... ... 28
Ġunju ... ... ... ... ... ... ... ... ... 60
Settembru ... ... ... ... ... ... ... ... ... 93
Diċembru ... ... ... ... ... ... ... ... ... 123
**Sammut, P. Feliċ, O.F.M.Conv.**
F'Lejl Sajfi ... ... ... ... ... ... ... ... ... 79
**Serracino-Inglott, Erin**
Jahveh! ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 74
In-Nisel tal-Verb "Qalfat" ... ... ... ... ... ... ... 113
**Tabone, Rev. A., J.C. & Th.**
Dr. Vervoerd ... ... ... ... ... ... ... ... ... 85
**Theuma, P.P.**
Żewġt Erwieħ ... ... ... ... ... ... ... ... ... 115
Werrej tas-Sena 1967 ... ... ... ... ... ... ... ... 127
**Zarb Adami, Godfrey**
Rapport tas-Segretarju ... ... ... ... ... ... ... 38
*** Ħniena; Waħdi; Daż-Żmien ... ... ... ... ... ... 19

## TWISSIJA LILL-KONTRIBUTURI

Jiddispjaċina ngħarrfu li qed jaslulna kontribuzzjonijiet għall-istampa b'ittri mitfijin li ma jingħarfux, fejn ukoll, l-ittri Maltin ma humiex immarkati b'dijakritiċi. Hekk ukoll insibu f'xi kontribuzzjonijiet miktubin bl-idejn. Dan hu xkiel kbir, sew għall-kompożitur ta' l-istamperija, kemm għall-Editur li jrid joqgħod jaħli ż-żmien isewwi l-kitba ta' manuskritti qabel ma jingħataw għall-istampa.

Jixraq l-ewwelnett li min juża t-'typewriter' ibiddel iż-żagarella meta din tiqdiemlu biex l-ittri jkunu jidhru ċari; it-tieni, fejn it-'typewriter' hi nieqsa mit-tipi Maltin, il-kontributur għallinqas jimmarkahom bil-pinna jew bil-'biro'. Hekk ukoll meta l-manuskritt hu miktub bl-idejn.

Aħna ma nixtiqux nibagħtu lura l-kontribuzzjonijiet minħabba n-nuqqas li semmejna biex tingħata kopja oħra iżjed xierqa, jew minħabba f'hekk niskartaw il-manuskritt. Ma nixtequx nieħdu dan il-pass.

## I N F A K K R U

Infakkru lill-Imseħbin f'"IL-MALTI" li l-abbonament (4s. fis-sena) għandu jitħallas bil-quddiem fil-bidu ta' Jannar u jinbagħat lit-Teżorier Onorarju, is-Sur VICTOR APAP.